# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

FRAR 2003 • IT-23 SENA • GĦADD 227 • *NEWSPAPER POST*



**L-EWWEL MISTERU TAD-DAWL**

Ara paġna 14

# Werrej


3 **Fidi f'idi**
*minn Fr. Joe Alessandro OFMCap*

4 **David – Bniedem it-Talenti**
*minn Mons. Lawrenz Sciberras*

6 **Teleskopju fuq il-Ħajja**
*minn P. William Axiaq OFMCap*

8 **"Mur u sewwi l-Knisja tiegħi"**
*minn Br Dennis Calleja OFMCap*

10 **Il-Ftim**
*minn P. Hilary Abela OFMCap*

13 **Għoti ta' Ministeri**
*minn P. Franġisku Azzopardi OFMCap*

14 **Il-Magħmudija ta' Ġesù**
*minn P. Martin Micallef OFMCap*

16 **Il-Qima lejn San Franġisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin (2)**
*minn Br Andrè Azzopardi OFMCap*

18 **Webrothers**

19 **Tweġiba**
*minn P. William Axiaq OFMCap*

20 **Kuba u l-istorja tagħha (14) Il-Proġett Varela (3)**
*minn P. Philip Cutajar OFMCap*

23 **Il-Maskra ta' ħajti**
*minn Pierina Micallef GiFra*

24 **Altruwiżmu fit-Talb (2)**
*minn P. Frans Abela OFMCap*

25 **Aħbarijiet**

28 **Irwiefen**
*minn Mary Haber OFS*

30 **Naufragium**
*minn P. Wistin Attard OFMCap*

30 **Tisliba** *minn P. Wistin Attard OFMCap*

31 **Żgur li ma kinitx taħbatli mal-kaxxa ta' moħħi li nidħol Kapuċċin, però l-Mulej ...**
*minn Br Claudio Falzon OFMCap*





















DAWL FRANĠISKAN

**FRAR 2003**
**It-23 sena • Għadd 227**




**Qoxra 1:**
**Il-Magħmudija ta' Kristu**
***Pietro di Cristoforo Vannucci (Perugino)***
***Galleria Nazionale dell'Umbria, Perugia.***


**BORD EDITORJALI:**
Joe Alessandro ofm cap (Direttur u Editur)
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap
Dorian Holland ofs
Ruth Delia gi.fra.
Noel Pace



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 21 233874/21 225525/21 234949
e-mail: ofmcap@keyworld.net

**DISINN U LAYOUT:**
IMAGE 2000 LTD, FGURA - 21 677577
**MITBUGĦ:**
P.E.G. Ltd., San Ġwann. - 21 440083



Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max xejra tar rivista.



Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur
Ċentru Missjoni Kapuċċini
Kunvent tal-Kapuċċini
Floriana - VLT 14

minn P. Joe Alessandro OFMCap

# Fidi f'idi

***"X'jiswa, ħuti, li wieħed jgħid li għandu l-fidi jekk ma jurihiex fil-għemil tiegħu? Jaqaw tista' ssalvah din il-fidi? Jekk ħuk jew oħtok ikunu għarwenin u neqsin mill-ikel ta' kuljum, u wieħed minnkom jgħidilhom: 'Morru bis-sliem, isħnu u kulu sa tixbgħu', bla ma jagħtihom dak li hu meħtieġ għall-ġisem, dan x'jiswa? Hekk ukoll il-fidi: jekk tkun weħidha u ma jkollhiex l-għemil, tkun mejta" (Ġak 2, 14-17).***

Il-festa b'tifkira tan-nawfraġju ta' San Pawl bilfors tfakkarna fid-don tal-fidi li ġabilna. Aħna dejjem tgħallimna li l-fidi hija rigal li jagħtina l-Mulej permezz tas-sagrament tal-magħmudija. Il-fidi hija xi ħaġa ħajja u bħal kull ħaġa ħajja oħra trid tikber. Huwa għalhekk li, sa miċ-cokon tagħna, nibdew nitgħallmu x'inhi u kif ngħixuha din il-fidi.

Mhux biżżejjed nistqarru l-fidi tagħna bil-fomm, bħal meta ngħidu l-Kredu waqt il-quddiesa, iżda l-fidi trid tkun akkumpanjata mill-għemil.

Tliet mumenti qawwijin ta' kif ngħixu l-fidi huma meta l-ewwelnett nemmnu li Alla huwa l-Missier tagħna li jħobbna, jieħu ħsiebna u jipprovdilna. Allura rridu ngħollu jdejna lejh biex nadurawh, inqimuh u rroddulu ħajr u nitolbuh jagħtina l-ħobża ta' kuljum.

Il-ħobż ta' kuljum jiġbor fih il-ħajja tagħna, is-saħħa, ix-xogħol u l-ikel. Nemmnu li dawn huma kollha rigali ta' Alla. Iżda barra l-ħobż materjali l-Mulej jagħtina wkoll, ta' kuljum, l-ikel tal-Ġisem u d-Demm ta' Ibnu Ġesù - l-Ewkaristija. Dan huwa t-tieni mumenti li bih nistqarru b'mod qawwi ħafna l-fidi tagħna f'dan il-misteru hekk kbir. L-Ewkaristija hija l-ikla tal-Mulej li tagħtina l-ħajja u l-qawwa fil-mixja tagħna sa ma naslu biex, lil Dak li issa narawh bil-fidi taħt xbihat tal-ħobż u l-inbid, ġurnata narawh wiċċ mb'wiċċ.

It-tielet mument li fih irridu nuru bl-għemil il-fidi tagħna huwa dak li jgħidilna San Ġakbu fl-ittra tiegħu: "Jekk ħuk jew oħtok ikunu għarwenin u neqsin mill-ikel ta' kuljum, u wieħed minnkom jgħidilhom: 'Morru bis-sliem, isħnu u kulu sa tixbgħu', bla ma jagħtihom dak li hu meħtieġ għall-ġisem, dan x'jiswa?" Dan li jfisser taqsam ħobżok ma' l-oħrajn.

Dawn huma tliet mumenti li jgħinuna nżommu ħajja f'idejna l-fidi tagħna billi dawn l-istess idejn nużawhom biex infaħħru u nitolbu 'l Alla, billi fihom nirċevuh fl-Ewkaristija u billi bihom ngħinu l-proxxmu tagħna fil-bżonn għax: "jekk (il-fidi) tkun weħidha u ma jkollhiex l-għemil, tkun mejta". ❑



minn Mons. Lawrenz Sciberras

# DAVID
# Bniedem it-talenti

L-IŻGĦAR WILD minn fost tmien ħutu. Missieru kien jismu Ġesse minn Betlehem mit-tribù ta' Ġuda. Huwa it-tieni fost l-akbar slaten li qatt ħakmu fuq Iżrael. David huwa wieħed mill-aktar personaġġi prominenti u li jinħassu fil-Bibbja kollha (I Sam 16,13). Kien għal dan il-bniedem li Alla qal, sibt bniedem għal qalbi.

Isem dan il-personaġġ bibliku hu miktub għal 926 darba, ċifra li titkellem weħidha dwar l-importanza tiegħu. Ifisser il-maħbub aktarx mill-Mulej. Bniedem imżejjen b'talenti u kwalitajiet kbar, fosthom raħħal sempliċi, gwerrier ta' ħila, mużiċista magħruf, qaddis ġenwin, midneb sinċier, sultan kbir, profeta u li mir-razza tiegħu kien ġej Ġesù: "Ġesu Kristu Sidna li, skond it-tnissil tal-ġisem, twieled min-nisel ta' David" (Rum 1,3)



*Is-Sultan David. Minjatura fil-Biblioteca Braidense, Milan.*

## Midluk sultan

Sawl kien għadu ħaj u jiggverna meta Alla reġa' bagħat lill-profeta Samwel f'Betlehem din id-darba għand Ġesse biex jidlek lil David l-iżgħar fost ħutu. Din id-dilka biż-żejt kellha tibqa' moħbija u David kellu jħalli f'idejn Alla biex juriħ meta u fejn jibda jsaltan. Wara mbagħad il-mewt ta' Sawl, David imnebbaħ mar jgħix fil-belt ta' Ħebron, għaliex din ukoll kienet ġejja mit-tribù ta' Ġuda. Imma t-tribujiet l-oħra ta' l-Iżraelin għall-ewwel ma għarfux lil David bħala sultan tagħhom; ir-raġuni kienet waħda sempliċi, kien għad fadal tifel ieħor ta' Sawl, Ixbagħal.

David jidher li kien diplomatiku kbir, ħaddem kemm felaħ rasu qabel ma kien jieħu xi deċiżjoni. Din il-ħaġa l-aktar li dehret kienet preċiżament fil-għażla tal-belt biex minnha jiggverna. Għalhekk David ħaseb li jagħżel belt li kienet għadha mhijiex f'idejn l-iżraelin, ħalli hekk żgur li ħadd ma jkollu għax jeħodha kontrih u hekk ikun newtrali mat-tribujiet kollha ta' Iżrael.

## Ġerusalemm - belt kapitali

Kien hemm Ġerusalemm, għolja imdawra minn tliet widien, immela kważi għandha difiża naturali, u li s-swar tagħha kienu b'saħħithom ħafna. Iżda din il-belt kienet baqgħet f'idejn il-Ġebusin. Xejn ma kienet ħaġa faċli wieħed jirbaħha, tant li niesha kienu jgħidu li setgħu jiddefenduha biz-zopop u bil-għomja (2 Sam 5,6) Imma hawn deher il-ġeneral ta' David, Ġowab u b'ħażen kbir ta' moħħu rnexxielu jidħol ġol-belt minn kanal ta' l-ilma *zinnor* imħaffer taħt l-art li dan kien iwassal l-ilma sa ġol-belt.

Meta rnexxilu jasal sa hawn, David issa kompla jkabbar lil Ġerusalemm u jsaħħaħha aktar. Is-sultan ta' Tir, li kien isaltan fuq il-Feniċi li kienu jgħixu f'dik l-art, għamel ħbieb ma' David, u bagħatlu kwantità kbira ta'

njam taċ-ċedru u numru ta' ħaddiema biex jibnulu palazz mill-isbaħ. Hekk David minn Ħebron seta' jitla u jmur jgħix fil-kapitali l-ġdida, Ġerusalemm. Dan ġara 1000 sena qabel Kristu. Kien dam seba' snin isaltan minn Ħebron.

Minn Ġerusalemm għalhekk David issa beda jmexxi u jamministra s-saltna tiegħu. Iżda kellu xewqa oħra kbira David, dik li jara lil Ġerusalemm ukoll ċentru reliġjuż. Kif seta jagħmel dan? Billi minn Kirjat-jegħarim David idaħħal l-Arka tal-Patt ġo Ġerusalemm. U din il-ħolma saret tassew realtà. Għamel festa kbira, tant li stieden lill-kbarat tal-belt, u David stess neħħa minn fuqu l-ilbies ta' sultan u libes ħwejjeġ tal-għażel bħalma kienu jilbsu s-saċerdoti, u mar jiżfen u jkanta quddiem l-Arka.

David kompla sejjer bil-festi u offra kwantità ta' bhejjem bħala sagrifiċċji lill-Mulej. Mhux biss, imma lin-nies kollha li ħadu sehem f'dik il-festa tahom x'jieklu, billi qassam ftira ħobż, biċċa laħam, u ċappa żbib.

Il-personalità ta' David kompliet togħla 'l fuq fl-importanza tagħha, meta permezz tal-profeta Natan ħabbarlu li mill-familja tiegħu għad jitwieled ħellies, salvatur. "Jiena nqajjem nislek warajk, nisel ħiereġ mill-ġewwieni tiegħek, u nsaħħaħ is-saltna tiegħu. Huwa jibni dar lil ismi, u jiena nsaħħaħ it-tron tas-saltna tiegħu għal dejjem" (2 Sam 7,13). Din il-profezija torbot magħha snin wara, Gabrijel hekk qalilha lil Marija ġo Nazaret: "Il-Mulej jagħtih it-tron ta' David missieru". Alla kien se jadotta l-familja ta' David bħala wliedu; is-slaten, imnisslin minn David, kien se jkollhom id-dinjità kbira li jissejħu "ulied Alla".



*Is-Sultan David iċarrat ħwejġu għall-aħbar tal-mewt ta' Sawl. Minjatura Winchester Cathedral Library.*

## Bniedem fraġli

Fil-ħajja ta' David kien hemm ukoll waqtiet imdallma. Dan ġara meta David darba waħda ra mara miżżewġa jisimha Batseba, u ħass ġibda qawwija lejha. U flok ma rażżan dik il-ġibda, David ċeda bil-kbir għat-tentazzjoni u għamel adulterju. Imbagħad, dejjem biex mingħalih jaħbi dnubu, qatel lil Urija, jiġifieri r-raġel ta' Batseba u hekk seta' jiżżewwiġha. Alla ried juri li l-liġi tiegħu hija xorta waħda għal kulħadd, għas-sultan ukoll. U hawn Alla jibgħat lill-profeta Natan biex b'kuraġġ kbir juri bid-dnub lil David, u ħabbarlu x'kien ġoj fuqu minħabba dnubietu: anzi wasal biex qallu: "Dak li għamel David ma għoġobx lill-Mulej" (2 Sam 11. 27).

Iżda jekk id-dnub ta' David kien wieħed kbir, xejn anqas kienet kbira l-indiema tiegħu. Ibda biex ħallas ħafna, għaliex it-tifel li twelidlu minn dak id-dnub miet. Imbagħad anke fl-istess familja tiegħu komplew tfaċċaw xquq oħra ta' firda dejjem bħala effett tad-dnubiet li għamel David. Imma Alla ħafirlu għaliex David kien raġel biżżejjed biex jammetti li kien żbalja. Dak li ġara minn ibnu Absalon, meta dan qatel lil ħuh il-kbir li kien jismu Amnon jixhed biżżejjed l-effett ikrah tad-dnub. Qasma oħra fis-saltna tiegħu din id-darba ġiet mit-tifel l-ieħor Adonija.

Iżda s-sultan David żgur li jibqa' msemmi wkoll għall-idea nobbli li ġietu, jiġifieri biex jibni tempju kbir u sabiħ u hekk iqiegħed l-Arka hemm. Din ix-xewqa tajba ma messitx lilu, imma lil ibnu Salamun. David xtara l-post fejn xtaq li jinbena dan il-maqdes, "il-qiegħa ta' Arawni l-Ġebużi" (2 Sam 24, 18) u offra l-ewwel debħa lil Alla hemm stess fuq artal. Il-parir biex jagħmel dan David ħadu mingħand il-profeta Gad. Mal-mixja tas-snin imbagħad dan it-tempju kellu jsir l-aktar imkien għażiż u uniku għal kull Lhudi.

Jeżiżti xebh kbir bejn David u Kristu, wieħed huwa t-tip u l-ieħor huwa l-anti tip tiegħu. Hekk it-tnejn twieldu fl-art żgħira f'Betlehem ta' Ġuda. It-tnejn kienu ġejjin minn familji umli ħafna u mwarrba mis-soċjetà. Ħadd minnhom ma kellu biex jiftaħar bil-familja tiegħu. It-tnejn ukoll kienu rgħajja, wieħed tal-bhejjem u l-ieħor ta' l-erwieħ. Kemm David kif ukoll Kristu ġew ippersegwitati bil-kbir u minn nieshom stess. Dwar is-saltna: David biex sar sultan kellu jirbaħ lill-għedewwa tiegħu, Ġesù twieled Sultan u għandu saltna li tibqa' għal dejjem. ❑

minn P. William Axiaq OFMCap



# Teleskopju fuq il-Ħajja

***Alla żejjinna b'moħħna biex inħaddmuh għall-ġid tagħna stess u anki ta' l-oħrajn. Iżjed ma nirriflettu iżjed din il-fakultà tgħinna biex insiru aħjar fil-ħajja tagħna. Iżjed ma naħsbu iżjed insinnu moħħna biex ir-riflessjoni ssajjarna u dejjem tagħmilna iżjed għaqlin. Dan hu l-għan tal-ħsibijiet li ġejjin.***

## 1 IS-SENA TAR-RUŻARJU

Fis-16 ta' Ottubru 2002, il-Papa Ġwanni Pawlu II ħareġ Ittra Appostolika li tiftaħ bil-kelmiet *Rosarium Virginis Mariae*. Permezz ta' dan id-dokument, il-Papa wriena li din it-talba tradizzjonali sempliċi u, fl-istess ħin, profonda tibqa', anki f'dan il-millennju ġdid li beda, talba ta' valur kbir, għax tiġbor fiha qawwa li kapaċi tipproduċi ħafna frott ta' ħajja qaddisa.

Kif nafu, il-Papa daħħal ħames misteri ġodda barra dawk tal-ferħ, tat-tbatija u tal-glorja forsi spirat minn dak li kien kiteb il-Beatu Ġorġ Preca u ssuġġerixxa lill-membri tal-MUSEUM, fl-1957. Dawn il-misteri jissejħu tad-Dawl u għandhom jiġu kkontemplati nhar ta' Ħamis. Jippreżentaw ħames *tableaux* li huma: (1) il-magħmudija ta' Ġesù Kristu fix-xmara Ġordan, (2) it-turija ta' Ġesù Kristu fit-tieġ ta' Kana, (3) it-tħabbira ta' Ġesù Kristu dwar is-Saltna ta' Alla u s-sejħa li għamel għall-indiema, (4) it-trasfigurazzjoni ta' Ġesù Kristu quddiem tliet Appostli magħżula fuq il-muntanja u (5) it-twaqqif ta' l-Ewkaristija bħala t-tifkira tal-Misteru ta' l-Għid.

Fis-sitwazzjoni storika u teoloġika ta' llum, ninnutaw kriżi fir-reċita tar-rużarju. Xi wħud isostnu li r-rużarju, bħala talba, ma huwiex f'sintonija, fi qbil maċ-ċentralità tal-liturġija li dwarha tant saħaq il-Konċilju Ekumeniku Vatikan II. Oħrajn jibżgħu minnha għaliex jilmħu fiha talba ftit u xejn ekumenika minħabba l-fatt li tiġbor fiha marka marjana qawwija wisq. Imbagħad oħrajn jgħidulek li r-rużarju proprjament kien inħoloq bħala talba ripetittiva għal nies analfabeti, persuni li ma kinux kapaċi jaqraw lanqas l-alfabet u, minħabba f'hekk, mhiex talba adattata u lanqas tixraq lill-bniedem ta' llum meta dan sar mhux biss jaf jaqra imma intelliġenti ħafna.



Dawn ir-reazzjonijiet ta' llum kontra r-rużarju m'għandhomx inisslu fina ribrezz lejn din it-talba evanġelika li jġagħalna nittraskurawha, imma għandhom joħolqu fina mħabba ikbar lejha milli kellna għaliha sallum. Din, fid-dawl ta' dak li għallimna l-Papa tal-Madonna, issuqna biex ir-rużarju nibdew nitolbuh b'iżjed ħerqa u entużjażmu mis-soltu, speċjalment bħala familja, iżjed u iżjed matul din is-sena tar-rużarju.

***Mulej, ġagħalni nintebaħ li min hu fqir fl-ispirtu żgur ma jħallihx ir-rużarju, jgħidu xi jgħidu n-nies ta' llum.***

## 2 IDEA ŻBALJATA U PERIKOLUŻA

Fil-preżent hawn idea li qiegħda tiċċirkola fost il-poplu tagħna, l-aktar fost irġiel żgħar. Din tgħid hekk: "Jekk it-tensjoni sesswali li kultant żmien titrabba u nħoss ġewwa fija ma neħlisx minnha malajr kemm jista' jkun b'azzjoni partikolari, inħoss skwilibriju f'rasi, inħossni se niġġennen". F'dan il-każ, xi wħud qegħdin jużaw espressjoni Ingliża. Din iddoqq hekk: "Jekk ċerta

enerġija sesswali żejda li nħoss fija minn żmien għal żmien ma narmihiex malajr, inħossni *crasy*, m'aħniex, qisni se niblieh, bħallikieku rasi se ddur bija".

Dan mhu veru xejn. Tobba serji din il-ħaġa jmeruha b'argumenti li altru li huma validi għall-aħħar. Jgħidulna li tensjoni jew enerġija sesswali żejda li titrabba fir-raġel b'dak li jiekol u bl-arja li jirrespira, tevapora weħidha b'modi u manjieri differenti. In-natura magħmula hekk. Taf tirrimedja hija stess meta fl-organiżmu uman iqum xi ftit tal-maltemp jew tat-taħwid, anki fejn tidħol il-ħajja sesswali.

Ċerti reazzjonijiet li jesperimenta ġewwa fih il-bniedem dejjem jaqbillu jikkontrollahom bir-raġuni milli jbattalhom malajr imqanqal kif ikun minn nervi li jikkaġunaw fih sakemm jgħaddu. Alla żejnu wkoll bir-rieda u, jekk hu nisrani, għanieh saħansitra bil-grazzja tiegħu. B'dawn l-għodod jirnexxilu jżomm il-persuna tiegħu, li hija tempju ta' l-Ispirtu s-Santu fil-ġieh u bla mittiefsa spiritwalment u moralment u f'saħħitha anki fiżikament. Barra minn hekk, jevita milli jirrendi lilu nnifsu qisu baħnan, billi jagħmel azzjonijiet li jmorru kontra l-valur tas-sesswalità għax jaħseb li b'dak li qed jagħmel mhu qed jagħmel xejn ħażin la fiżikament u lanqas moralment, meta mhuwiex il-każ.

***Mulej,għinni ħalli qatt ma nagħti l-lala lill-ideat ta' llum li jbegħduni mill-valur tas-sesswalità fil-ħajja tiegħi.***



## 3 RITORN GĦAT-TRADIZZJONALIŻMU

Fil-preżent, jiddispjaċini ngħid, fil-gżejjer Maltin, fost ċerti persuni, hawn ritorn għal ċertu tradizzjonaliżmu bla sens. Bdejna millennju ġdid u din il-ħaġa ma toħlomhiex, imma dan huwa fatt li għandu għax jippreokkupana u jallarmana. Mhuwiex sinjal sabiħ u tajjeb. Jekk jaqbad art sew - u hemm sinjali li jista' jiġri hekk - żgur ikompli jbiegħed in-nies mill-Knisja, l-aktar żgħażagħ u intellettwali.



Il-Knisja għandha bżonn ta' persuni b'ideat friski, aġġornati u rilevanti għal żmienna. Ma tiflaħx aktar persuni bl-għanqbut f'rashom. Dawn għamlulha ħafna ħsara matul l-istorja tagħha. Allaħares din l-istorja terġa' tirripeti ruħha fi żmienna, għax il-konsegwenzi jkunu fatali iżjed minn qatt qabel fil-kultura li qegħdin ngħixu fiha llum.

Dan ir-ritorn qed juri ruħu fost ċerti kandidati fi triqthom lejn is-saċerdozju, jiġifieri fost persuni li suppost joħorġu mill-formazzjoni tagħhom trasformati b'ideat tallum u mhux b'mentalità tal-bieraħ. Għaliex ċerti seminaristi u studenti reliġjużi Maltin u Għawdxin se jerġgħu jibdew jonfqu eluf ta' flus f'kamżijiet, bizzilel u pjaneti kif kienu jagħmlu dawk ta' dari? Għaliex ħafna tħassib u forsi anki piki u sens ta' kompetizzjoni saħansitra f'xiri ta' kalċijiet li jiswew il-belli liri? Dan mhux sinjal konsolanti f'ambjenti fejn dawn l-affarijiet suppost li ilhom li nqatgħu għal kollox.

Ma għadux iż-żmien li fid-djar tal-formazzjoni l-kandidati għas-saċerdozju joqogħdu jqallbu katalgi ta' l-ifjen bizzilel - katalgi li kienu jġibuhom mill-Belġju - biex fl-ewwel quddiesa solenni jkunu libsin b'mod eleganti. Lanqas għadu ż-żmien li nirritornaw għal kalċijiet ta' stil barokk. Forsi hawnhekk jagħmlu sewwa l-persuni li qegħed nitkellem minnhom jiftakru erba' kelmiet li ħarġu mill-pinna qalila u realistika ta' San Ġilormu: "Fiż-żminijiet bikrija tal-Knisja kien hemm kalċijiet tal-landi u saċerdoti tad-deheb, illum hawn kalċijiet tad-deheb u saċerdoti tal-landi". Il-qaddis ex-Jugoslav naturalment kien qed jitkellem mill-qassisin ta' żmienu, imma kliemu jagħmlu tajjeb jixtarruh is-saċerdoti ta' għada.

***Mulej, nissel f'dawk li qed jitħejjew għas-saċerdozju spirtu ta' qjies u faqar f'kollox.***

minn Br Dennis Calleja OFMCap

# "Mur u sewwi l-Knisja tiegħi"

## Franġisku l-Bniedem li ġedded il-Knisja

***"Mur Franġisku sewwi l-knisja tiegħi li, kif qed tara, qiegħda tiġġarraf". Dawn kienu l-kelmiet li Franġisku sema' mis-salib ta' San Damjan.***

Anke jekk Franġisku għall-ewwel ma fehemx il-messaġġ moħbi wara din il-kelma u ntefa' b'ruħu u ġismu jibni l-ġebel tal-knejjes imwaqqgħa: bħal dawk ta' San Damjan, il-Porzjunkola u l-kappella ta' San Pietru, iżda hu fehem xi ħaġa: li l-Mulej sejjaħlu mhux biex jibda xi knisja ġdida, mhux biex iwaqqaf knisja, iżda biex isewwi l-Knisja. U allura li ssewwi hija l-istess bħal meta tgħid 'tirrestawra'. U tirrestawra jfisser li inti terġa' ġġib għall-oriġinalità tiegħu, dak li issa qdiem, dak li s-sbuħija tiegħu ċċajpret. Ifisser li inti ġġedded dak li diġà hemm, terġa' tagħmlu ġdid, iġġibu għas-sbuħija oriġinali tiegħu tal-bidu. Ir-restawr inaddaf, ineħħi l qxur li trabbew bit-tniġġis tal-arja. U min jirrestawra jrid joqgħod attent li ma jibdel xejn minn dak li hemm. Joqgħod attent li ma jpoġġix xi ħaġa minn tiegħu, forsi għax jaħseb li tiġi aħjar jew isbaħ, għax jekk jagħmel hekk ineħħi l-oriġinalità tal-oġġett. Għalhekk, min jirrestawra, irid ikun mimli rispett lejn l-opra li qed jirrestawra.



Hekk għamel Franġisku: qatt fil-kitbiet tiegħu ma nsibu kritika jew kliem iebes lejn il-Knisja. Ma jiġġudikax il-Knisja. Ma jidħolx f'piki mal-Knisja u anqas jirribella lejn il-Knisja, anzi b'umiltà jerħi ruħu f'idejn il-Knisja u jsejħilha Ommna l-Knisja Mqaddsa. U b'ħajtu stess jipproponi stil ta' ħajja skond il-forma tal-Evanġelju. Iżda qatt ma jagħmel skond dak li jgħidlu moħħu, u kontinwament insibuh jikkonsulta, jirrikorri għand il-Papa bħala r-ras tal-Knisja u rappreżentant ta' Kristu fuq l-art.

L-ewwel laqgħa li Franġisku kellu mal-Papa ġrat f'Ruma. Kien fl-1211, San Franġisk diġà kellu xi ħdax mill-aħwa li kienu qed jgħixu miegħu dik il-ħajja sempliċi ta' l-Evanġelju. Kienu jidhru li se jibqgħu jiżdiedu fin-numru. Għalhekk San Franġisk beda jħoss illi l-ħajja tiegħu u tal-aħwa kellha bżonn ta' regola sabiex ikun hemm direzzjoni. Għalhekk jikteb ir-regola bi kliem sempliċi u qasir, kollha meħuda mill-Iskrittura, u biex żgur ikun ċert li dik hi r-rieda ta' Alla, jiddeċiedi li jippreżenta r-regola lil 'Ommna l-Knisja Mqaddsa', biex tikkonfermahielu u ttihielu bħala stil ta' ħajja. Imorru Ruma u jiltaqgħu mal-Papa fil-bażilka tal-Lateran. Din l-ewwel laqgħa mhix waħda faċli għax il-Papa jaħsibhom xi rgħajja u malajr jeħles minnhom. Iżda jinzerta illi l-Isqof ta' Assisi, Gwido, ikun hemm f'Ruma. Meta Franġisku ddeċieda li jibda jgħix il-ħajja tal-Evanġelju, quddiem kulħadd fil-pjazza tal-palazz tal-Isqof ġo Assisi, u neħħa ħwejġu bħala sinjal li issa hu mhux iżjed iben missieru ta' l-art iżda iben il-Missier tas-sema, l-Isqof Gwido kien dak li għattieh bil-kappa tiegħu u tah il-protezzjoni tiegħu. U għalhekk lil Franġisku kien diġà jafu għax kien baqa' jsegwih. Fil-fatt hawn min jgħid illi l-Isqof Gwido ma kienx b'kumbinazzjoni f'Ruma iżda mar biex jara kif ser tispiċċa din il-ġrajja. Issa dan Gwido kien ħabib ta' wieħed mill-Kardinali, Giovanni di S. Paolo, u dan il-kardinal kien qrib tal-Papa Innoċenz III u għalhekk Franġisku u sħabu jerġgħu jiġu aċċettati għat-tieni darba biex ikellmu l-Papa u jippreżentaw ir-regola tagħhom. Meta jidħlu u jaqraw ir-regola, ikun hemm xi reżistenza. Għall-ewwel ma kinux se jaċċettawhielu għax peress li kienet kollha kemm hi ċitazzjonijiet mill-Evanġelju, qalu li kien diffiċli li tgħixha. Tqum diskussjoni bejn il-Papa u l-kardinal sakemm fl-aħħar jaqbeż il-Kardinal Giovanni di S. Paolo u bħal iwissihom; "Attenti! Jekk aħna niddikjaraw li din it-tip ta' ħajja mibnija fuq l-Evanġelju ma jistax wieħed jgħixha, inkunu qed ngħidu li mhux possibli tgħix l-Evanġelju għax dawn dan hu li qed jitolbuna".

Dan l-argument jagħlaq ħalq kulħadd! Imma l-Papa jieħu ż-żmien. Papa Innoċenz III jgħid lil Franġisku: "Morru itolbu u erġgħu ejjew".

Wara din il-laqgħa, il-Papa jkollu ħolma. Jara l-bażilka



*Bażilika ta' San Franġisk, Assisi. Affreski ta' Giotto. Il-ħolma tal-Papa Innoċenz III u fil-paġna ta' qabel, San Franġisk quddiem il-Kurċifiss ta' San Damjan.*

tal-Lateran immejla donnha se taqa'. F'daqqa waħda jidher raġel qsajjar li bi spaltu jżomm il-bażilka u ma jħallihiex tiġġarraf. U l-Papa jinduna li dak ir-raġel tal-ħolma ma kien ħadd ħlief Franġisku. Għalhekk il-Papa jinduna x'kienet il-missjoni ta' dan Franġisku, proprju dak il-kliem li qallu l-kurċifiss. "Ibni l-Knisja tiegħi għax qiegħda tiġġarraf". U għalhekk, meta Franġisku u sħabu jerġgħu jirritornaw għand il-Papa, il-Papa jikkonfermalhom ir-regola.

Franġisku jieħu dan li ġara bħala s-siġill ta' Alla: issa jinsab ċert u żgur li l-għażla tiegħu hija dak li jrid il-Mulej. Dan jikkonfermah hu stess fit-testment tiegħu b'mod ċar: "Ħadd ma wrieni x'għandi nagħmel ħlief il-Mulej Alla nnifsu u s-Sinjur Papa wettaqhuli".

Fl-ewwel kapitlu tar-regola Franġisku jurina biċ-ċar kif hu u l-aħwa tiegħu li riedu jgħixu dan l-istil ta' ħajja kellhom triq waħda, l-għejxien tal-Evanġelju u jkunu ubbidjenti lejn il-Papa u lejn il-Knisja. Franġisku jikteb hekk: "Ir-regola u l-ħajja tal-Patrijiet Minuri hi din, jiġifieri, li jħarsu l-Evanġelju Mqaddes ta' Sidna Ġesù Kristu, billi jgħixu fl-ubbidjenza, bla xejn tagħhom u fil-kastità. Fra Franġisk iwiegħed ubbidjenza u qima lis-Sinjur Papa Onorju u lil dawk li jiġu warajh magħżula kif titlob il-liġi kanonika, u lill-Knisja Rumana. U ħa jkunu marbuta l-aħwa l-oħra li jobdu lil Fra Franġisk u lil dawk li jiġu warajh."

B'dan il-kliem San Franġisk, fil-bidu tar-regola, qed juri l-istil ta' ħajja li ried jgħix b'impenn l-Evanġelju, biss jekk tkun magħqud mal-Knisja u tkun ubbidjenti lejn il-Knisja. Għax Franġisku kien iħares lejn il-Knisja bħala OMM. U għalhekk ried li, dawk li jsegwu din il-ħajja, ikunu ulied denji tal-Knisja. ❑

minn P. Hilary Abela OFMCap



# IL-FTIM

**Il-missjunarji għandhom minqux f'qalbhom kliem Ġesù li jgħid: "Kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont barrani u lqajtuni, kont għeri u libbistuni, kont marid u ġejtu tarawni..." (ara Mt 25, 35-36). Dan il-kliem iġiegħel lill-missjunarji jinsew lilhom infushom u kull ma jkollhom jagħtuh lil dawk li għandhom bżonn ta' l-għajnuna tagħhom. L-għemejjel ta' ħniena huma ta' min ifaħħarhom. Imma jistħoqqilhom tifħir iżjed meta l-missjunarji jgħallmu lin-nies li jgħixu magħhom kif għandhom iqumu fuq saqajhom għaż-żmien li jsibu ruħhom weħidhom. Issa huwa ż-żmien biex ngħallmu lin-nies li naħdmu magħhom kif għandhom jinfatmu minn kull għajnuna materjali li l-missjunarji kienu jagħtuhom. Kull wieħed għandu jagħmel ħiltu biex iħares bir-reqqa l-ġid li tah Alla.**

## Il-bidu kollu iebes

Mpeketoni kien masġar u kenn għall-annimali selvaġġi. Kull min kien jisma' b'dan l-isem kien jistkerrhu. Madankollu qatt ma naqsu nies qalbiena li jiġu jgħammru f'dan il-post. Dawk li ġew jgħammru fil-masġar batew kemm felħu. Nuqqas ta' ikel, ta' ilma tax-xorb, ta' djar fejn joqogħdu u ta' kull ħaġa oħra li hija meħtieġa għall-ħajja ta' kujum. Kull familja bdiet tingħatalha medda raba' fejn joqogħdu u jaħdmuha.

L-ewwel ma bdew jagħmlu dawn il-bdiewa kien li jwaqqgħu kull għamla ta' siġar li ma kellhomx bżonnhom. Minflokhom bdew jitħawlu siġar tal-frott. Medda żrigħ bdiet tieħu postha wkoll għalkemm l-annimali kienu jieklu kulma jsibu jgħodd għal snienhom. L-imsejkna bdiewa qatt ma qatgħu qalbhom mix-xogħol. Minn sena għal oħra kienu jmiddu għonqhom għax-xogħol u jagħmlu kemm jistgħu biex jissieltu ma' l-annimali u jwarrbuhom lejn msaġar oħra fil-qrib.

In-nies li ġew minn ta' l-ewwel f'dawn in-naħiet kienu jġibu l-ilma għax-xorb minn għadira kbira li għall-grazzja tal-ħanin Alla qatt ma nixfet imqar b'xemx tiżreġ ġo fiha u nies jixorbu minnha.

Matul iż-żmien il-missjunarji bdew jgħinu lin-nies biex iħaffru l-bjar fil-għalqa tagħhom. B'hekk l-ilma jkun safi bla tniġġis ta' xejn.

Il-ġuħ beda jaħkem sewwa lin-nies ta' dawn l-inħawi. Il-mard beda jiżdied u r-rata tal-imwiet bdiet tagħmel tagħha. Kienet il-qalb ħanina tal-missjunarji li raw kif għamlu biex iġibu l-ikel u l-mediċini għat-titjib tal-ġemgħa. F'jum it-tqassim ta' l-ikel u għajnuna lill-morda kont tara sriebet ta' nies kulħadd jittama fil-ħniena ta' Alla u kuntent b'dak li tagħtu xortih.



Kien żmien li fih il-missjunarji ma kinux jaħsbu ħlief kif sa jtejbu l-qagħda ta' dawn in-nies. Flushom, ġidhom u ħajjithom kienet debħa safja quddiem Alla biex iħenn għall-ġemgħa u jagħtihom il-ħobża ta' kuljum.

It-tfal bdew jiżdiedu u bdiet tinħass il-ħtieġa għat-tagħlim.

Hu sewwa u xieraq li wieħed jitgħallem imma l-ġenituri ma kellhomx flus biżżejjed għal dan il-għan. Bla ma jrid it-tallab idur għall-għajn tal-ħniena. Il-missjunarji kellhom jaraw x'jagħmlu biex isibu l-flus għall-edukazzjoni tat-tfal. Ilum ħafna minn dawn it-tfal sabu xogħol li jista' jgħinhom sewwa fil-ħajja.

## L-għalqa teżor

L-għelieqi bdew jieħdu sura oħra. Is-siġar tal-frott bdew jiżdiedu u ż-żrieragħ għall-ikel bdew iżidu l-għamla tagħhom. Mal-qamħirrun bdew ikabbru l-fażola u xi medda ħafifa bir-ross. Illum il-ġurnata għandek issib min ikkabbar it-tadam u xi werqa ħaxix għal tisjira ħafifa.

Fl-imgħoddi, biex in-nies kienu jieklu l-laħam, kellhom jagħmlu ħilithom kollha u jaqbdu xi ħanżir selvaġġ li jterraq mill-għalqa tagħhom. Il-kaċċa għall-annimali ma kinetx faċli daqs kemm wieħed jaħseb. Min dendel kusu magħhom dejjem spiċċa b'ġildu mċarrat jekk mhux imkeffen f'tebut.



Ħafna minn dawk in-nies li ġew joqogħdu f'dawn l-inħawi wara li l-biedja bdiet tieħu suritha kienu jġibu magħhom xi għattuqa. Maż-żmien in-numru ta' tiġieġ beda jiżdied u għamel tajjeb għal-laħam u l-bajd.

Kien żmien li wieħed jibda jrabbi xi mogħża għal naqra ħalib mat-te.

Għalkemm l-ewwel qatgħa mogħoż ma rnexxielhomx jgħixu fit-tul minħabba d-dubbiena li ħaqrithom u qerdithom għal kollox, il-bdiewa ma qatgħux qalbhom. Ħsiebhom kien dejjem li xi darba jkollhom l-imrieħel tagħhom.

Illum il-ġurnata ħafna familji għandhom tal-inqas ħames mogħżiet jirgħu fl-għalqa tagħhom.

Ir-raba' li darba kien masġar illum il-ġurnata sar teżor. Il-ġuħ u l-mard ta' qabel naqas ġmielu għax il-prodotti u l-imrieħel tar-raba' huma mitqilhom deheb għall-bżonnijiet kollha tal-familja. Fejn qabel kien hemm ix-xhur tal-għaks u x-xhur tal-ġid illum il-ġurnata ftit li xejn tinduna b'din id-differenza.

Jekk f'xahar mis-sena naqas l-ikel mill-għalqa hemm frott is-siġar biex jinbiegħ u tinxtara l-ikla tal-ġurata. Għal xi saram ieħor dejjem hemm lesta xi mogħża mill-merħla li tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-bżonn.

Żmien il-ftim mill-għajnuna tal-missjunarji deher fuq ix-xefaq. Għalkemm il-ħajja ttejbet madankollu għad baqa' xi wħud li għandhom bżonn l-għajnuna.

## Mixja għaqlija

In-nies li naħdmu magħhom ħafna minnhom huma bdiewa. Il-bejgħ tal-prodotti mill-għelieqi huwa l-ġid u l-ġabra għal matul is-sena. Il-qligħ tal-flus irid iservi għall-ikel, ħtiġiet tal-ħajja, fejqan minn xi marda u ħlas għall-edukazzjoni tat-tfal.

Is-sena bidjija għandha żmien il-ġid u żmien il-għaks. Jekk wieħed ma jħaddimx moħħu sewwa fi żmien il-ġid jispiċċa b'għaks dejjiemi.

Il-missjunarji dejjem għallmu lin-nies kif għandhom iqassmu ġidhom biex żmien il-għaks itaffi qilltu.

Il-ħsieb ta' bilanċ bejn il-ġid u l-għaks ġiegħel lill-insara ta' kull raħal biex jingħaqdu flimkien u kull xahar kull wieħed jagħti ċertu ammont ta' flus. Dawn il-flus jinġabru flimkien u jitqiegħdu l-parroċċa. F'każ ta' bżonn tagħmel tajjeb il-kemxa tal-flus.

Ħsieb inissel lil ieħor. L-insara ftiehmu biex jibdew id-drawwa li fix-xahar ta' Ottubru kull nisrani jibda jagħti l-għexur tal-prodotti tiegħu. Frott, ikel, tjur, mogħoż, qoton u kull għamla ta' prodott ieħor jinġiebu l-parroċċa għall-festa msejħa "Jum il-ħsad". Dak kollu li jinġieb il-parroċċa f'dan il-jum jinbiegħ u flushom jitqiegħdu fil-ħażna. Il-ħsieb ewlieni għal din il-kemxa huwa: għajnuna għal dawk li huma fil-bżonn.

Ħafna drabi ma jkunx biżżejjed biex tħoll kull problema li titfaċċa għal wiċċek. Mhux l-ewwel darba li jkollok issaqqaf wiċċek u titkarrab biex forsi ssib xi ruħ qaddisa li taqsam miegħek it-tbatija u tgħinek mill-aħjar li tista'. Qabel ma bdejna l-millennju tliet snin ilu laqqajna n-nies u, b'sensiela ta' tagħlim taħt l-isem ta' "Qawmien Ġdid", fissirnielhom li kien wasal żmien il-ftim. Lin-nies fehemniehom biex inqumu fuq saqajna għax m'għadux il-waqt li nibqgħu nitkarrbu għall-għajnuna tal- missjunarji. Kull nisrani huwa fid-dmir li jgħin lill-parroċċa u jieħu ħsieb biex jaqsam ġidu ma' min hu fil-bżonn.

L-Insara bdew iżidu fil-ġbir tal-flus għall-quddies ta' nhar ta' Ħadd. Kull għaqda reliġjuża bdiet tagħti ċertu ammont ta' flus b'żieda tal-għexur li qatt ma naqsu. Il-knejjes li bnew il-missjunarji ma baqgħux iżjed jistennew l-għajnuna taqa' mis-sema jew li l-missjunarji jieħdu ħsieb biex isewwuhom f'każ li jkun hemm bżonn. L-insara qatgħuha darba għal dejjem li l-ħtiġiet kollha tal-knejjes huma f'idejhom. Il-ħajja bdiet ġejja għall-aħjar u kulħadd għamel il-qalb biex iżid il-ġenerożità tiegħu.

Ftit xhur ilu bdejna proġett bl-isem ta' "Ġemma' flusek". Din hija għajnuna għal dawk in-nies li jridu jwarrbu xi sold fil-ġenb għal meta jkollhom bżonnu. Il-flus jinġabru flimkien u jitqiegħdu f'borża waħda. Il-membri jistgħu jisselfu mill-ħażna kemm-il darba jrodduhom f'qasir żmien. B'din is-sistema beda jinqata' t-talb għall-



għajnuna mingħand il-missjunarji. Huwa minnu li biex tgħallem il-ġemgħa tieħu ħafna żmien. Il-qawl Malti jgħid: "Iż-żmien isjaru l-bajtar".

Il-ftim mill-għajnuna tal-missjunarji wasal żmienu u nittama fil-ħanin Alla li din il-mixja għaqlija li bdejna tibqa' sejra 'l quddiem bla ma tinqata' ħesrem. ❑

## Bolol miġburin fl-iskejjel



L-Uffiċċju tal-Missjoni tal-Kapuċċini, Floriana, jixtieq jirringrazzja lill-istudenti ta' l-iskola primarja *St. Francis* tas-sorijiet Franġiskani ta' l-Imsida li ġabru bolol użati għall-missjoni u wassluhomlna permezz ta' l-għalliema tagħhom. Ma' din l-iskola hemm il-*Boys' Junior Lyceum* tal-Ħamrun, l-istudenti tas-*Sixth Form* tal-Kulleġġ ta' De La Salle tal-Kottonera, l-Iskola Primarja ta' Birżebbuġa, ta' Ħal Ghaxaq u ta' Kerċem li għamlu l-istess. Hija ħaġa sabiħa li studenti, anke f'età żgħira, jinteressaw ruħhom fil-missjoni. Il-Mulej ikompli jbierek lil dawn l-istudenti u l-għalliema tagħhom, u jalla skejjel oħra jitħajru minnhom u jagħmlu l-istess.

## Rigal sabiħ li tista' tagħmel lil ħutna l-Insara Kenjani għal din is-sena hija BORŻA TA' STUDJU



BORŻA TA' STUDJU hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tinqasam bejn is-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin jistudjaw. Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit. Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil**
**Fr. Joe Alessandro, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**
**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525**


# Ġeddidtu l-abbonament tiegħek?

**Jekk le ibgħat Lm4 flimkien ma' l-isem u l-indirizz lil:**
**Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana VLT 14**

DAWL FRANĠISKAN

**B'hekk tkun qed tgħin lill-Missjoni tal-Kapuċċini Maltin.**

*Ċekkijiet / Money Orders għandhom ikunu pagabbli lil: Fr. Joe Alessandro*

# Għoti ta' Ministeri



Nhar il-Ħadd, 29 ta' Diċembru 2002, Ħutna Hayden Williams OFMCap u Andrè Azzopardi OFMCap irċevew il-Ministeri tal-Lettorat u ta' l-Akkolitat minn idejn il-Provinċjal Ħuna Crispin Tabone, li waqt l-omelija spjega l-ministeri li dawn ħutna daħlu għalihom, jiġifieri li jiprokklamaw il-Kelma ta' Alla u jaqdu lill-Presbiteru u lid-Djaknu fit-tqassim ta' l-Ewkaristija. Dawn huma żewġ ministeri fil-mixja tagħhom lejn is-saċerdozju.

Iċ-ċelebrazzjoni saret fil-Bażilika ta' Sant'Elena, ġewwa Birkirkara. Bosta Aħwa tal-Provinċja u ħbieb oħra attendew għal din iċ-ċelebrazzjoni ta' ferħ. Br Hayden ikkummenta hekk fuq din l-esperjenza:

Kif wasalna B'Kara ndunajna li ma kienx hemm dawl fil-knisja. Laqatni d-dlam li t-tempju kien imdawwar bih. Hekk kif mort biex inqarben lill-ġenituri tiegħi ġie jiġri tifel ċkejken, qabiżhom u qarbintu ... l-ewwel wieħed bħala Akkoltu! Kumbinazzjoni? Ma nemminx!

Id-dlam għalija personalment huwa simbolu ta' mħabbti. Nixtieq ħafna li nħobb lil Ġesù fis-sempliċità u b'fiduċja ta' tifel ċkejken fil-mumenti meta jinħeba f'ħajti. Filgħodu kont mort ftit għall-kwiet, fejn iggostajt lil Ġesù moħbi f'Nazaret ma' Marija u Ġużeppi. Sewwa ... l-ewwel pass lejn il-ministeru saċerdotali seħħ fid-dlam u fil-moħbi ... u dan mhux għax ma kien hemm ħadd, iżda għax iċ-ċerimonja ta' l-Istituzzjoni kienet mistura bħalma ħajjitna hija moħbija flimkien ma' Kristu f'Alla. Konvint li Ġesù kellimni ħafna dakinhar ... qalli li l-Ministeri mhux dritt tiegħi imma għotja tiegħu li jaħbuni fih sabiex ikun Hu li jidher iħobb u jaqdi lil dawk li miet għalihom u mhux jien."


Br Hayden jirċievi l-Lettorat minn idejn il-Provinċjal P Crispin Tabone.


Br Andrè jirċievi l-Akkolitat.

Ħuna Andrè wkoll ta l-esperjenza tiegħu u qal li, "il-Ħajja tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini hija mfassla fuq l-għajxien ta' l-Evanġelju. Huwa dan li f'ħajjitna jkompli jressaqna 'l quddiem biex ningħaqdu b'mod iżjed perfett ma' l-Imgħallem tagħna. Il-ħajja li ppriedka u għex Sidna Ġesù Kristu kienet ħajja mibnija fuq servizz jew qadi tal-proxxmu. Hu dan il-ħsieb wara l-għoti ta' dawn il-Ministeri. Permezz tal-Ministeru tal-Lettorat, mhux biss wieħed irid iwassal il-Kelma ta' Alla lill-poplu tiegħu, iżda wisq iżjed irid jagħraf li din il-Kelma tixli l-ħajja tiegħek u turik int min int, tiskomodak biex tieħu azzjoni filwaqt li timliek għaliex il-Kelma timliek b'fiduċja f'Alla li hu imħabba. Bil-Ministeru ta' l-Akkolitat, bħalma Ġesù Kristu libes il-fardal u ħasel riġlejn il-maħbubin tiegħu, hekk ukoll l-Akkoltu. Dan għandu jkun ta' għajnuna lill-Presbiteru u d-Djaknu waqt iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija. Iżda dan il-Ministeru jgħinek tagħraf iżjed mill-qrib kemm Alla, li hu l-ħallieq ta' kollox, għoġbu jiċċekken daqs-hekk u permezz tal-ħobż u l-inbid isir ħaġa waħda magħna. Dan kollu jitlob fidi kbira, jiġifieri li wieħed jemmen fil-preżenza ħajja ta' Ġesù Kristu fil-Kelma u fl-Ewkaristija.

Din il-fidi tagħmlek qaddej li jħalli lilu nnifsu jinbidel iżjed fi Kristu Ġesù. ❑


Bros Hayden u Andrè ma sħabhom l-istudenti.

minn P. Martin Micallef OFMCap



*Il-magħmudija ta' Ġesù. Domenico Ghirlandaio. Bażilka Sta. Maria Novella, Firenze.*

## L-Ewwel Misteru tad-Dawl

# Il-Magħmudija ta' Ġesù

Fis-16 t'Ottubru 2002, il-Papa Ġwanni Pawlu II, iffirma l-Ittra Appostolika li ġġib l-isem ta' *Rosarium Virginis Mariae*. Kif juri l-isem, din l-Ittra tittratta kollha kemm hi fuq it-talba tar-Rużarju, liema talba l-Papa jsejħilha "it-talba favurita tiegħi" (n. 2). Hemm żewġ affarijiet li jispikkaw f'din l-ittra: l-ewwel, id-dikjarazzjoni mill-Papa fin-n. 3 li minn Ottubru 2002 sa Ottubru 2003 hija s-Sena tar-Rużarju; it-tieni, fin-n. 21 il-Papa sebbaħ din it-talba tar-Rużarju billi introduċa l-Misteri tad-Dawl. F'din is-serje ta' artikli ser inħarsu lejn dawn il-misteri li jiffurmaw parti mill-ħajja pubblika ta' Ġesù. L-għan tagħna huwa li jkollna għajnuna oħra ta' kif nistgħu nifhmu aħjar dak li aħna sejrin nitolbuh bih.

L-ewwel Misteru tad-Dawl li jsemmi l-Papa huwa l-episodju tal-Magħmudija ta' Ġesù. Dan ir-rakkont insibuh irrakkuntat fl-Evanġelji Sinottiċi biss, jiġifieri, fl-Evanġelju skond San Mark (Mk 1, 9-11), San Mattew (Mt 3, 13-17) u San Luqa (3, 21-22). L-Evanġelista San Ġwann ma jirrakkuntax dan l-episodju minkejja li jurina li kien jaf bih meta jippreżentalna lil Ġwanni l-Battista jistqarr: "Jiena rajt l-Ispirtu nieżel mis-sema bħal ħamiema u joqgħod fuqu" (Ġw 1, 32). Meta niġu għall-Evanġelji Sinottiċi, naqraw li dawn jippreżentawlna dan l-episodju bħala l-ewwel attività pubblika fil-ħajja ta' Ġesù. Wara l-predikazzjoni ta' Ġwanni l-Battista fid-deżert, naqraw dan l-episodju qasir imma importanti ħafna fin-narrattiva ta' l-Evanġelju.

San Mark jinfurmana li l-magħmudija ta' Ġwanni kienet "magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet" (Mk 1, 4), filwaqt li San Mattew iżid li "kienu jitgħammdu minnu [minn Ġwanni l-Battista] fix-xmara Ġordan huma u jistqarru dnubiethom" (Mt 3, 6). Dan jurina li l-magħmudija ta' Ġwanni kienet rit ta' purifikazzjoni mid-dnubiet. Dan il-ġest kellu jwassal għall-"indiema" bil-Grieg: *metanoia*, jiġifieri r-ritorn lura lejn Alla biex b'hekk jinħafru d-dnubiet.

Kien il-karattru ta' din il-magħmudija li imbarazza ħafna

lill-Knisja tal-bidu. Ladarba Ġesù kien bla dnub, kif jgħarrafna tajjeb l-Awtur ta' l-Ittra lil-Lhud (Lhud 4, 15), għaliex Ġesù mar biex jirċievi l-magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet? Jidher li l-Knisja tal-bidu tħabtet ħafna ma' din il-mistoqsija li qajmu bosta persuni li baqgħu ma emmnux li Ġesù hu tassew l-Iben ta' Alla. L-Evanġelista San Mattew diġà jidher li kien qed jipprova jwieġeb għal din id-diffikultà meta f'dan l-episodju jinkludi djalogu bejn Ġwanni l-Battista u Ġesù: "Imma Ġwanni ma ħalliehx, u qallu: 'Jien hu li jeħtieġ li nitgħammed minnek, u inti tiġi għandi?' Ġesù qallu: 'Inti għalissa ħallik minn dan, għax hekk jixraq nagħmlu biex intemmu s-sewwa kollu'" (Mt 3, 14-15). Fost il-Missirijiet tal-Knisja kien hemm min ippropona li Ġesù mar jitgħammed bil-magħmudija ta' Ġwanni sabiex juri solidarjetà mal-midinbin, jew biex iqaddes l-ilma tal-Ġordan. Oħrajn waslu biex qalu li Ġesù ġie mżejjen bid-dinjità ta' Iben Alla proprju f'dan l-avveniment tal-magħmudija.

Imma dawn it-tweġibiet u oħrajn bħalhom ma jidhrux li huma t-tweġiba għall-mistoqsija l-għala Ġesù mar jirċievi l-magħmudija ta' Ġwanni. Jidher li l-għan ewlieni ta' dan l-episodju fin-narrattiva ta' l-Evanġelju hu li jkompli jurina min hu Ġesù: "Mis-smewwiet instama' leħen: 'Inti, ibni l-għażiż; fik sibt l-għaxqa tiegħi'" (Mk 1, 11).



*Il-magħmudija ta' Ġesù. Affresk tas-Seklu XIV. Giusto De'Menabuoi. Battistero Del Duomo, Padova.*

Din ir-rivelazzjoni fuq min hu Ġesù nsibuha f'postijiet strateġiċi fl-Evanġelju. Fil-bidunett għandna l-magħmudija li permezz tal-leħen mis-smewwiet nistgħu nagħrfu li dak li kien qed jitgħammed ma kien ħadd għajr l-istess Iben ta' Alla. Fin-nofs tan-narrattiva, l-Evanġelji Sinottiċi, jippreżentawlna wkoll l-episodju tat-Trasfigurazzjoni bħala l-eku ta' dak li naqraw fil-magħmudija. Dan għaliex il-leħen mill-isħaba hawn jikkonferma dak li kien qal fil-magħmudija: "Dan hu Ibni l-għażiż, isimgħu lilu" (Mk 9, 7; ara wkoll Mt 17, 5; Lq 9, 35). Fl-aħħar tan-narrattiva, imbagħad, iċ-ċenturjun li kien wieqaf biswit is-salib ta' Ġesù jagħmel stqarrija li tixxiebah ħafna mal-leħen ta' Alla: "Dan il-bniedem kien tassew Bin Alla" (Mk 15, 39; ara wkoll Mt 27, 54). L-għan ewlieni, mela, tar-rakkont tal-magħmudija ta' Ġesù hu li jurina min hu Ġesù. Ġesù huwa l-Iben ta' Alla.

L-importanza ta' dan l-episodju jintwera aħjar meta niftakru li f'dan l-episodju għandna wkoll il-preżenza ta' Alla l-Missier. Huwa l-leħen tal-Missier li qed jikkonferma l-identità ta' Ibnu Ġesù. Din il-konferma tintwera wkoll permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li hu wkoll preżenti f'dan l-avveniment: "u l-Ispirtu s-Santu bħal ħamiema nieżel fuqu" (Mk 1, 10; ara wkoll Mt 3, 16; Lq 1, 10). Interessanti ninnutaw hawn li minkejja li l-Evanġelista San Ġwann, kif diġà għedna, ma jagħtiniex dan ir-rakkont, b'danakollu, meta huwa jikkummenta fuqu jżid frażi importanti ħafna li l-Missirijiet tal-Knisja kkumentaw fit-tul fuqha. Ir-raba' Evanġelista mhux biss jgħidilna li Ġwanni l-Battista ra l-Ispirtu nieżel fuq Ġesù, imma jżid ukoll li l-Ispirtu "baqa'" fuq Ġesù (Ġw 1, 32). Dan ifisser li l-ħajja kollha ta' Ġesù kienet akkumpanjata mill-Ispirtu qaddis ta' Alla li Ġesù stess, imbagħad, bagħat fuq id-dixxipli tiegħu wara l-qawmien tiegħu mill-imwiet.

Interessanti ninnutaw ukoll li fl-episodju tal-magħmudija ta' Ġesù, San Mark jinfurmana li "s-smewwiet iċċarrtu" (1, 10). Il-verb "iċċarrtu" bil-Grieg huwa l-verb *skizomenous* li jeħodna lura fit-Testment il-Qadim, fejn Isaija 63, 19 jagħmel talba ħerqana: "M'hux li kont iċċarrat is-smewwiet u tinżel minn hemm." Din it-talba issa kienet instemgħet. Alla l-Missier kien qed iċarrat is-smewwiet fil-magħmudija ta' Ibnu l-għażiż, biex b'hekk seta' jinżel l-Ispirtu s-Santu fuq Ġesù.

San Mark jerġa' juża dan l-istess verb fi tmiem il-ħajja ta' Ġesù. Hekk kif Ġesù miet, naqraw li "l-purtiera tas-santwarju *ċċartet* [bil-Grieg: *skizo*] fi tnejn minn fuq s'isfel" (15, 38). Is-santwarju kien il-post l-aktar qaddis fit-Tempju ta' Ġerusalemm li fih seta' jidħol biss il-Qassis il-Kbir u dan kien jiġri darba fis-sena biss. Imma issa, mal-mewt ta' Ġesù, il purtiera li kienet tifred il-bnedmin minn ma' Alla ċċartet. B'hekk l-Evanġelista ried jurina li mal-mewt ta' Ġesù issa kulħadd jista' jersaq lejn il-Missier.

Dan kollu diġà huwa mħabbar fl-episodju tal-magħmudija ta' Ġesù fejn hawn mhijiex il-purtiera tat-Tempju li qed tiċċarrat imma "s-smewwiet" li qed jiċċarrtu. Is-smewwiet, fl-Iskritura jirrappreżetnaw il-post fejn jgħammar Alla. Permezz tal-magħmudija ta' Ġesù, issa Alla ċarrat is-smewwiet biex jurina li hu m'għadux 'il bogħod mill-bniedem. Issa kull bniedem jista' jersaq qrib lejh permezz ta' Ibnu l-Maħbub li fih Hu sab il-għaxqa tiegħu. ❑

minn Br Andrè Azzopardi OFMCap

# Il-Qima lejn San Franġisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin

IT-TIENI PARTI

Il-knisja ddedikata lil **San Franġisk t'Assisi f'Birkirkara**, li jieħdu ħsiebha l-patrijiet Franġiskani Konventwali, inbdiet nhar it-30 ta' Diċembru 1953 bit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla. Il-knisja tlestiet fl-1956 u ġiet iddedikata lill-qaddis t'Assisi għalkemm hi magħrufa iżjed bħala Sant'Antnin. F'din il-knisja nsibu statwa ta' San Franġisk ta' l-injam u li nġiebet minn Ortisei, qrib Bolzano fl-Italja. Din ġiet ordnata fl-1949. Hawnhekk naraw lil dan il-qaddis b'għajnejh mgħollija 'l fuq filwaqt li qed iħaddan il-Kurċifiss ma' sidru. In-niċċa li fiha titqiegħed l-istatwa matul is-sena nħadmet minn Leli Grech.





F'waħda min-navati laterali tal-knisja naraw trittiku sabiħ li hu xogħol ta' Emvin Cremona. Dan sar fl-1961. Fih naraw lil Marija Immakulata, patruna ta' l-Ordni Franġiskan, fil-parti ċentrali. Tajjeb li wieħed jgħid li f'din il-knisja, sa mill-bidunett xterdet id-devozzjoni marjana. Fuq in-naħa tal-lemin tal-Madonna naraw lil San Ġużepp, l-għarus tagħha, u San Ġużepp ta' Kopertinu.

Fuq in-naħa tax-xellug insibu lil San Franġisk t'Assisi li qed iżomm f'idu kappella ċkejkna li tirrappreżenta l-kappella ta' Santa Marija ta' l-Anġli f'Assisi u San Massimiljanu Marija Kolbe li kien qaddis Franġiskan devot kbir tal Madonna. Il-kwadru sewa mitejn lira u tħallas minn Spiru Mizzi u martu.

Fuq il-presbiterju ta' l-istess knisja naraw diversi episodji mill-ħajja ta' dan il-qaddis li huma miġbura fi *stained glass*. Dawn is-sbatax-il tieqa kbira tal-ħġieġ ġew kummissjonati għand id-Ditta V. F. Sozzi ta' Ruma u kellhom jitpittru mill-istess ditta. Fil-parti ċentrali, jiġifieri dik ta' fuq it-tabernaklu, naraw l-għoti tal-pjagi lil Missierna San Franġisk fuq l Għolja Alvernja. It-twieqi swew elfejn lira sterlina, tlestew fl-1957 u waslu Malta fit-30 ta' Marzu ta' dik l-istess sena.



*Stained Glass fil-Knisja ta' San Franġisk f'Birkirkara li juru xeni mill-ħajja ta' l-istess Qaddis.*

Mal-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija, il-fraternità tal-patrijiet Franġiskani Konventwali tal-Belt Valletta sabu kenn f'dar li ġiet offruta lilhom mill-avukat Ġużeppi Pace ġewwa Birkirkara. Dan seħħ sabiex permezz tiegħu jkunu jistgħu jamministraw is-sagramenti. F'dan il-maħżen inġieb kwadru ta' dan il-qaddis li kien jintuża bħala titular. Il-kwadru li llum jinsab fis-sagristija ta' l-istess knisja, juri lil San Franġisk b'ħarstu 'l fuq qiegħed jitlob.

Nixtieq irrodd ħajr lil Patri Alessandru Bonniċi OFM Konv tat-tagħrif siewi li għoġbu jgħaddili dwar l-opri artistiċi Franġiskani ta' din il-knisja.

Il-**Kappella ta' Binġemma**, li nbniet fl-1680 min-Nobbli Stanislaw Xara, hi ddedikata lil Ommna Marija ta' l-Itria. Din tfisser il-Madonna li turi lil Ġesù bħala t-triq tal-ħajja nisranija. L-oriġni ta' din id-devozzjoni tmur lura lejn is-seklu ħamsa f'Ġerusalemm u aktar tard f'Kostantinopli permezz ta' Ikona Bizantina meqjuma f'monasteru tal-patrijiet.



***Fuq:** Il-kwadru tal-Madonna fil-Kappella ta' Binġemma.*

Il-kwadru mdaqqas juri lill-Madonna flimkien ma' għadd ta' qaddisin fosthom San Franġisk t'Assisi. Il-qaddisin l-oħra li naraw fil-kwadru huma San Pawl, San Rokku, San Duminku ta' Guzman, Sant'Antnin ta' Padova u Santa Roża, li kollha huma qaddisin li mxew wara Ġesù t-'Triq it-Tajba'.

Il-kwadru tpitter fl-1681 minn Stefano Erardi. L-arma li tinsab fil-kwadru u mal-faċċata fuq barra tal-kappella hija ta' l-isqof Fra Davide Coco Palmeri li fi żmienu nbniet il-kappella.



***Xellug:** Il-kwadru ta' San Franġisk li jinsab fis-sagristija tal-Knisja tal-Franġiskani Konventwali ta' B'Kara.*

# Webrothers













Int li qed taqra nisthajlek tgħid: "Dawn il-*Webrothers* minn fejn inqalgħu?" U ngħidlek għandek raġun. Aħna *team*, grupp ta' seba' aħwa studenti Franġiskani Kapuċċini, li ngħixu fil-kunvent tal-Floriana. Aħna kellna x-xewqa li naqsmu l-ħajja tagħna ta' kuljum, fis-sempliċità tagħha ta' talb, ħidma, studju u rikreazzjoni, ma' kemm jista' jkun nies, u għalhekk ħsibna li mezz qawwi biex nagħmlu dan ikun l-*internet*. Għalhekk tellajna *Website*, fejn, permezz ta' *cameras* żgħar, intom tkunu tistgħu tarawna *LIVE* minn djarkom. Poġġejna *camera* fil-kamra tal-laqgħat u tar-rikreazzjoni tagħna u waħda fil-kappella, fejn ta' kuljum, bejn l-10.30 u l- 11.00 p.m. wieħed minna jkun qed jagħmel adorazzjoni u jwieġeb telefonati *LIVE*, għal talb u intenzjonijiet fuq il-*mobile*, u dan quddiem is-Sagrament. Bejn il-11.00 u l-11.30 p.m. ikun hemm dejjem wieħed minna li, minn fuq il-*Website* stess (għandna *chat room* tagħna), jagħmel iċ-*chatting* ma' dawk li jkunu jixtiequ. Waqt iċ-*chatting* wieħed ikun jista' jarana *LIVE*, fuq l-i*screens* tal-*computer* tiegħu. Iċ-*chatting* nagħmluh mill-kamra tal-laqgħat u tar rikreazzjoni, fejn għandna l *computer* tagħna.

Barra minn hekk il-*Website* toffri spazju biex wieħed jibgħat talba personali ħalli l-*Webrothers* jitolbu skond dik l-intenzjoni. Hemm ukoll tagħrif siewi fuqna l-Kapuċċini, fuqna l-istudenti, (il-*Webrothers*), artikli, aħbarijiet u avveniment dwar il-*Webrothers*, ritratti, skeda ta' trasmissjonijiet (adorazzjonijiet u *chatting*), u *links*, kif ukoll paġna fejn wieħed jista' jagħżel għotjiet b'xejn min-naħa tagħna.

Dak li mbuttana biex nagħmlu dan kienet l-għajta tal-Papa Ġwanni Pawlu II, ta' Evanġelizzazzjoni Ġdida, u billi evanġelizzazzjoni tfisser li tagħmel lil Ġesù preżenti fil-qalb tan-nies, kif kienet tgħid Mother Theresa ta' Calcutta, hekk aħna ridna li lil Ġesù nagħmluh preżenti fikom kif inhu fina, u dan permezz ta' l-*internet*.

Nawguralkom: *Happy Surfing* - mal-*Webrothers*!

**L-indirizz tal-*Website* tagħna huwa:**

**http://www.studentscapuchins.tvheaven.com**

**L-e-mail huwa:**

**studentsofmcap@mail.global.net.mt**

minn P. William Axiaq OFMCap

# Żewġi ħareġ jiżfen mal-mara ta' sieħbu

Father, jiena mara miżżewġa li ma nafx x'Milied qattajt din is-sena meta kont kollni mbaqbqa. Żewġi mar għall-*party* ma' sħabu ta' fuq ix-xogħol u sirt naf li ħareġ jiżfen mal-mara ta' sieħbu, għax aħna n-nisa konna mistednin ukoll. Jiena ma mortx għax ma kellix aptit. Il-mara li żifen magħha qatt ma kelli grazzja magħha, għax qatt ma għoġbitni. Din il-biċċa ħadtha bi kbira wisq u tgħidx x'għamiltlu. Naf li hu jħobb jiżfen meta mmorru f'laqgħat soċjali, imma dejjem żifen miegħi. Tgħid żifen mal-mara ta' sieħbu għax għandu grazzja magħha?

Sinjura, jiena ma nista' ngħid xejn dwar il-fatt li r-raġel tiegħek ħareġ jiżfen fil-*party* tal-Milied mal-mara ta' sieħbu ta' fuq ix-xogħol. Dak li nista' ngħid hu li diversi miżżewġin ikollhom l-inkwiet fil-familja tagħhom minħabba dawn il laqgħat soċjali li jsiru f'dan iż-żmien tas-sena. Ġieli jiġri hekk minħabba nuqqas ta' għaqal, jew ta' ħsieb. Ngħidlek għaliex qiegħed ngħidlek hekk.

Meta ngħidu *party* tal-Milied inkunu qegħdin ngħidu xorb iżjed mis-soltu. Ix-xorb, min-naħa tiegħu, iġib l-allegrija. L-allegrija ġġib iż-żfin, iżjed u iżjed jekk kien hemm il-mużika għaddejja waqt il-laqgħa soċjali li l-ħaddiema organizzaw. Dan l-ambjent u din l-atmosfera bilfors iġġiegħel persuna tiżfen anki jekk ma tkunx taf tagħmel hekk, iżjed u iżjed jekk tħobb iż-żfin bħalma hu l-każ tar-raġel tiegħek.

Inti għedtli li ma mortx miegħu, meta anki inti kont mistiedna, għax ma kellikx aptit. Ma għamiltx sewwa. Kien imissek irbaħtha din il-ħaġa, biddilt u mort tieħu pjaċir ma' żewġek mhux bqajt id-dar u r-raġel waħdu meta sħabu ħadu magħhom in-nisa tagħhom.

Imbagħad ippermettili nistaqsik: min ġie jgħidlek li żewġek ħareġ jiżfen mal-mara ta' wieħed minn sħabu ta' fuq ix-xogħol? Din xi persuna li trid tgħawwik għal żewġek? Din ġiet tgħidlek għax tħobbok? Ma kontx kapaċi tinduna waħdek li din il-persuna ma kellhiex għaliex tiġi tgħidlek ħaġa bħal dik biex izzekzkek kontra żewġek? Jekk bsart li t-talija kienet se tkun preżenti għall-*party*, kien imissek iżjed u iżjed tmur għalih biex ma jiġrux affarijiet li inti ma taħmilhomx, anzi jinkwetawk.



Fl-aħħarnett, ngħidlek ukoll li inti ma għandek l-ebda dritt tiġġudika ħażin lir-raġel tiegħek, billi tmur 'il bogħod bi ħsibijietek. Hu ma għamilx sew li żifen ma' mara oħra meta kien waħdu għall-*party* u meta jaf forsi li inti ma tiħux pjaċir meta jiżfen ma' ħaddieħor, imma issa hekk ġara. Jiena tal-fehma li żewġek iżjed żifen ma' dik il-mara għax iħobb iż-żfin milli għax għandu xi *soft spot* għaliha. Barra minn hekk, nara li ma kellikx għaliex tagħmillu qorti fuq kif ġab ruħu waqt il-*party*, ghax ghamel li ghamel għar-raġuni li inti ma kontx miegħu u ried ma' min jiżfen. Jien ma naqħtihx tort sa barra. Għalhekk għalaq ħalqek u oqgħod kwieta ħalli ma jinqalax inkwiet. Fil-biċċa għandek tort inti wkoll. Nispera li fl-aħħar ta' din is-sena ma terġax tagħmel l-istess żball li għamilt fl-aħħar tas-sena li għadha kemm għaddiet. ❑

minn P. Philip Cutajar OFMCap



# KUBA u l-istorja tagħha




L-ERBATAX-IL PARTI



## MUŻIKA, ŻFIN U KANT (2)

Matul is-seklu 18 dehret l-ewwel żerriegħa ta' dik li jsejħulha *musical criollismo.* Però kien fit-tieni nofs tas-seklu 19 li dehru l-ewwel żewġ karatteristiċi tal-mużika tassew Kubana: il-*contradanza* u l-*danzon.* Magħhom dehret ukoll il-mużika *son* fejn dawn għall-ewwel snin kienu biss ħsejjes ta' ilħna u strumenti mużikali. Il-mużika *son* takkumpanja fir-ritmu tagħha lid-*danzon* però llum fl-iżviluppi taghhom jiddistingwuhom minn xulxin bħala żewġ espressjonijiet mużikali distinti. Filwaqt li l-*contradanza* hija aktar xi ħaġa orkestrali.



Il-mużika *son* hija mużika Afriko-Kubana fejn tispikka l-influwenza Afrikana speċjalment fl-użu ta' strument mużikali Afrikan kif ukoll fiż-żfin. Però dan it-tip ta' mużika sabet l-ogħla espressjoni tagħha f'Kuba. Din hija l-aktar mużika popolari f'Kuba tant li hi marbuta ma' l-identità tal-poplu tal-pajjiż.

L-iskjavi miġjuba mill-Afrika (sas-sena 1517) jew kienu jispiċċaw biex b'disperazzjoni jwettqu suwiċidju, jew jiġu maqtula f'xi rewwixta li kienu jagħmlu kontra sidien ħakkiema tagħhom jew inkella, hekk kif ġara fil-maġġoranza tagħhom, kienu jfittxu li jagħmlu kull sforz sabiex jaddattaw għaċ-ċirkustanzi ġodda li ġew obbligati jgħixu fihom f'pajjiż differenti, joħolmu li xi darba għad jirritornaw lejn art twelidhom. Dawn ta' l-aħħar, anke b'aljenazzjoni mit-tbatija imposta fuqhom, kienu jsibu l-ħin li fil-ħolm tagħhom jagħmlu dawk l-istess affarijiet li kienu jagħmlu fil-villaġġi u fit-tribujiet ta' l-Afrika - fosthom il-mużika, iż-żfin u l-kant - xi ħaġa magħġuna ħaġa waħda ma' l-Afrikani. Dawn l-Afrikani skjavi li salvaw saru l-pilastri ta' l-identità Kubana speċjalment fejn jidħlu l-mużika u ż-żfin.

Jekk l-Afrikani skjavi li baqgħu jgħixu f'Kuba kienu l-pilastri tal-mużika u żfin Kuban, daqstant ieħor, għalkemm mhux l-istess livell, nistgħu ngħidu għall-Ewropej, speċjalment Spanjoli li daħlu u baqgħu jgħixu f'Kuba sa minn żmien Don Diego Velazquez (1511). L-Afrikani, speċjalment nisa, miġjuba bħala skjavi f'Kuba sa mis-sena 1517 bdew jitħalltu fi żwiġijiet ma' l-irġiel Ewropej, speċjalment Spanjoli, li bdew deħlin f'Kuba sa mis-sena 1511. U frott dawn iż-żewġ kulturi nibtet mhux



biss l-identità tal-popolazzjoni Kubana li għandha llum imma anke l-identità tal-mużika, taż-żfin u tal-kant Kuban li wieħed jista' wkoll jinnota ħafna l-influwenza Araba. Tajjeb li niftakru li l-Arab iddominaw fi Spanja għal 600 sena sħaħ. U dawn ħallew ħafna influwenza fuq il-kultura, l-istorja, il-lingwa u l-mużika Spanjola - li din imbagħad influwenzat dik Kubana. Fil-mużika u ż-żfin Kuban wieħed jista' jinnota wkoll influwenza ġejja minn Haiti u l-Ġamajka, żewġ pajjiżi minn fejn kien hemm emigrazzjoni qawwija lejn Kuba.

Il-karatteristiċi tal-mużika Kubana hija sinjura ferm għaliex tvarja mis-*son* għall-*jazz*, mill-*blues* għar-*rumba*. Għandek is-*salsa*, il-*merengeu*, il-*bomba*, il-*bolero*, il-*guaracha*, il-*mambo* u l-*chachacha* flimkien ma' ħafna oħrajn. Insibu wkoll il-*canzon Cubana* li hi tip ta' mużika fejn tagħti l-akbar importanza liż-żifna u mhux lill-mużika fiha nnifisha, b'tali mod li mhux il-mużika tmexxi iż-żifna, hekk kif ġeneralment isir imma hija żifna li tmexxi l-mużika. U fejn tidħol l-influwenza Araba nsibu dik il-mużika li jsejħula musica *campesina* u *la contraversia*. Din ta' l-aħħar tixbah ħafna l-għana Malti fejn ikollok tnejn li filwaqt li jgħannu b'taqbila jwieġbu lil xulxin dwar xi suġġett partikulari.

Fil-mużika Kubana b'influwenza Amerikana nsibu wkoll ir-*rock*, il-*jazz* u l-*pop*. Ir-*rock* wasal f'Kuba fis-sena 1956 bl-influwenza ta' Elvis Presley u Bill Halley u oħrajn mill-Amerika. Din it-tip ta' mużika nsibuha bħala attrazzjoni turistika l-aktar fil-hotels u fir-restoranti. Filwaqt li l-*jazz*, l-istess taħt l-influwenza Amerikana huwa ferm popolari f'Kuba. Id-dħul tat-televiżjoni u r-radjijiet f'Kuba, mhux inqas ukoll b'influwenza Amerikana, fis-snin 60 daħlet ukoll fl-isfera mużikali Kubana l-mużika *pop* li hija aktar meqjusa bħala mużika kummerċjali. Però, għalkemm dawn it-tliet tipi ta' mużika li semmejna: *rock jazz* u *pop* huma għal kollox importanti reċentement f'Kuba, it-tlieta li huma ssibilhom dik ix-xi ħaġa tipikament Kubana kemm fl-espressjoni kif ukoll fiż-żfin. Il-Kuban jaf jimporta, però dak li jimporta, speċjalment fejn tidħol il-mużika, il-kant u ż-żfin, ma jħallihx bla mittiefes. Jaf jagħġnu u jagħmlu Kuban. Jaf jagħtih it-timbru ta' l-identità Kubana.

## GĦELUQ

Dawn kienu l-punti prinċipali li dwarhom xtaqt nikteb bil-għan li flimkien insiru nafu aktar dwar Kuba. Dak li ktibt, ħafna minnu ħadtu mill-kotba li qrajt b'interess u mit-taħditiet li kelli man-nies Kubani jew nies li ilhom is-snin jgħixu hawn. Dan għamiltu prinċipalment sabiex inkun naf aktar dwar il-pajjiż li qed ngħix u naħdem fih u dwar in-nies li qed nagħmilha magħhom bil-għan li nkompli nevanġelizzahom. Però ħafna minn dak li ktibt ħadtu mill-esperjenza li diġà għamilt li, għalkemm hija qasira, kienet biżżejjed biex stajt nara u nosserva dak li qsamt magħkom f'din is-sensiela ta' artikli. Jiena u nikteb dawn l-artikli għall-ħbieb u l-benefatturi tiegħi li jaqraw regolarment din ir-Rivista Kapuċċina: **Dawl Franġiskan**, kienet għalija opportunutà sabiex nitgħallem aktar dwar dan il-poplu b'dak kollu li jippossiedi u li hu magħġun bih. U nemmen li dan ġara wkoll fikom ilkoll. Nittama li dak li ktibt serva sabiex issa intom tafu xi ħaġa iżjed dwar dan il-poplu biex b'hekk tħobbuh aktar bħalma kuljum qed insir inħobbu jien. U għax issiru tħobbuh, tkomplu titolbu aktar għalih bil-għan li jkompli "jiftaħ il-bibien ta' qalbu għal Kristu". U jekk titolbu għalih żgur titolbu wkoll għalija u għal ħafna missjunarji li qed jaħdmu f'dan il-pajjiż ta' Kuba.

Fuq kollox, l-iskop tiegħi li nikteb dawn l-artikli huwa doppju: a) li kull artiklu jkun bħal ittra miktuba lill-ħbieb u l-benefatturi tiegħi li magħhom nixtieq inżomm komunikazzjoni kontinwa; u b) animazzjoni missjunarja. Jalla din is-sensiela ta' artikli, flimkien ma' l-artikli l-oħra li diġà ktibt, tkun mezz qawwi ta' animazzjoni missunarja għall-Aħwa Kapuċċini Maltin, għas-saċerdoti djoċesani u reliġjużi Maltin, għas-sorijiet Maltin li setgħu qraw dawn l-artikli u għal-lajċi Maltin kollha. Bħalissa f'Kuba qegħdin żewġ saċerdoti biss minn Malta: Dun Pawl Buttiġieġ mill-Marsa u jiena. Nittama li ma nibqgħux weħidna. Din hi t-talba tiegħi ta' kuljum lil Alla. Kuraġġ!

# IL-PROĠETT VARELA (3)

Padre Fèlix Varela għadu ħaj fil-moħħ tal-poplu Kuban u huwa meqjus mhux biss bħala saċerdot-kattoliku qaddis imma wkoll patrijott kbir li f'ħajtu għamel ġid kbir f'diversi oqsma tal-ħajja speċjalment fuq livell pastorali-karitattiv bħala saċerdot, fuq livell edukattiv u kulturali bħala filosofu, fuq livell mużikali bħala bniedem ta' arti u mhux inqas fuq livell politiku bħala patrijott li ħabb lil pajjiżu.



*Padre Fèlix Varela*

Grupp ta' ċittadini Kubani li jixtiequ jaraw bidliet kostituzzjonali fil-pajjiż ħadmu u għadhom qed jaħdmu fuq proġett li ġie mgħammed proprju bl-isem ta' VARELA. Dan qed isir b'tifkira u riferenza għal dan is-saċerdot patrijott Kuban.

Dan il-grupp ta' ċittadini Kubani, bi dritt li tagħtihom l-istess kostituzzjoni Kubana, ġabru aktar minn 11.000 firma ta' ċittadini Kubani li qed jgħixu f'Kuba bil-għan li jsiru prinċipalment ħames tibdiliet fil-qasam tat-tmexxija politika u soċjali f'Kuba. Dawn il-ħames punti huma:

• Libertà sabiex jiġu ffurmati għaqdiet, partiti u *trade unions* ħielsa.

• Elezzjonijiet ħielsa b'sistema demokratika ta' aktar minn partit wieħed.

• Libertà ta' espressjoni.

• Permessi għal xogħol privat fejn wieħed ikun jista' jiftaħ negozju għal rasu mingħajr ħafna restrizzjonijiet.

• Ħelsien tal-priġunieri politiċi jew ta' kuxjenza li ma kkommettewx atti kriminali.

L-Organizzazzjoni *Pax Christi* ta' l-Olanda, nhar id-9 ta' Ottubru 2002, ippreżentat il-Proġett Varela quddiem il-Parlament Ewropew bil-għan li dan jagħti l-appoġġ morali u politiku meħtieġ. Dan ġie ppreżentat wara li nġabru eluf ta' firem ta' nies ċittadini f'pajjiżi membri ta' l-Unjoni Ewropea b'appoġġ għal dan il-proġett - minbarra 'l fuq minn 11.000 firma ta' cittadini Kubani li ffirmawh f'Mejju ta' din is-sena, id-data meta ġie ppreżentat quddiem il-Kunsill Nazzjonali Kuban... u li llum in-numru ta' dawn il-firem jaqbeż il-20.000.

Il-Proġett Varela għandu wkoll appoġġ internazzjonali ta' personalitajiet politiċi u istituzzjonijiet, fosthom l-ex-President Amerikan u rebbieħ tal-premju Nobel għall-Paċi għal din is-sena Jimmy Carter, il-President Amerikan George W. Bush, il-President ta' Spanja Josè Marìa Aznar u dak taċ-Ċekoslovakkja Vaclac Havel, l-Unjoni Ewropea u s-Senat Amerikan fost oħrajn.

Fil-preżent kull min sar jaf bil-proġett Varela u l-ħames punti li fih qiegħed kontinwament jistaqsi: Tgħid x'ser isir? Skond il-Kostituzzjoni suppost li l-parlament Kuban jiddiskuti u jiddeċiedi jekk isirx referendum fuq dawn il-ħames proposti għax hemm l-10.000 firma neċesarja sabiex isir dan il-proċess? Imma l-gvern ta' Fidel Castro ser jagħmel dan?

F'intervista li Fidel Castro ta lill-ġurnalista Amerikana Bàrbara Walters nhar id-9 ta' Ottubru 2002, għall-mistoqsija li saritlu dwar x'ser tkun ir-reazzjoni tal-mexxejja Kubani quddiem it-talba li qed issir permezz tal-Proġett Varela, il-mexxej Kuban wieġeb u qal li dan qed jiġi studjat minn min hu konċernat u tingħata risposta għalih meta jkun il-waqt.

It-tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet huwa ż-żmien li jrid jagħtihom. Ħaġa waħda hija ċerta: daqs ftit snin ilu ħadd ma kien joħlom li aktar minn 11.000 Kuban kienu ser jiffirmaw proġett bħal dan. Illum l-affarijiet qed jinbidlu. Il-fatt li nġabru 11.000 firma, u sallum dawn telgħu għal aktar minn 20.000, diġà huwa pass enormi 'l quddiem, ikunu xi jkunu r-risposti għal dawn il-proposti. ❑

# Fr. Philip Cutajar President tal-Konferenza għar-Reliġjużi f'Santa Klara, Kuba

Fr. Philip Cutajar ġie magħżul President tal-Konferenza tar-Reliġjużi Rġiel u Nisa li hemm jaħdmu fid-Djoċesi ta' Santa Klara matul is-sessjoni ta' l-elezzjonijiet li jsiru kull sentejn fost l-istess reliġjużi. B'hekk huwa ġie maħtur President tal-CONCUR (*Conferencia Cubana de los Religiosos* - Konferenza Kubana tar-Reliġjużi). B'effett ta' din il-ħatra Fr.Philip huwa awtomatikament id-Delegat ta' l-Isqof għar-reliġjużi preżenti fid-Djocesi li n-numru tagħhom huwa ta' tletin reliġjużi nisa u għaxar reliġjużi rġiel, kif ukoll Rappreżentant ta' l-istess reliġjużi quddiem il-CLAR (*Conferencia Latina Americana de los Religiosos*) li tiltaqa' mat-tliet darbiet fis-sena ġewwa La Habana. Fr. Philip, matul is-sitt snin li ħadem bħala Provinċjal tal-Kapuċċini ġewwa Malta (1992-98) akkwista esperjenza ta' dan ix-xogħol fi ħdan il-KSMR (Konferenza tas-Superjuri Maġġuri tar-Reliġjużi).



Żgur li frott ta' din l-esperjenza u frott l-imħabba kbira li għandu għall-Ħajja Reliġjuża, huwa ser ikompli jwettaq dan ix-xogħol ġdid u impenjattiva b'risq il-Ħajja Reliġjuża f'Kuba u fl-Amerika Latina. Nawgurawlu kull suċċess fil-waqt li nitolbu għalih. ❑



# Il-Maskra ta' ħajti

minn Pierina Micallef GiFra

***"There is nothing you need to do to become worthy; you already are worthy. Worthiness has nothing to do with action, thoughts, feelings, mind, body, emotions, or anything else. You are worthy because you are."***

Kienu ħafna dawk il-mumenti fejn m'aċċettajtx lili nnifsi. Kienu ħafna d-drabi meta lbist maskra biex nidher sabiħa ma' l-oħrajn. Kienu ħafna d-drabi fejn ilbist maskra ma' Ġesù. Illum taparsi nitlob għal xi ħaġa u l-għada nippretendi li ser tiġini żewġ. Ħajti kienet mixja b'veloċità qawwija, iżda f'daqqa waħda kelli nżomm brejk li s-sinjali tiegħu baqgħu jidhru.

Bil-mod il-mod bdejt nirrealizza li jiena kont qiegħda nilbes maskra u ma nibżax nammetti li dan ma kienx qiegħed jagħmilni kuntenta. B'diffikultà kbira ppruvajt ninża din il-maskra u nibda naċċetta lili nnifsi. Irnexxieli... iżda dan kollu bil-għajnuna tan-nies ta' madwari u ħbieb vera li aċċettawni kif jiena. Neħħejt il-maskra... ħajti saret iktar faċli... Iddeċidejt li nibda nattendi l-Gi.Fra, u nista' ngħid li l-membri ta' dan il-grupp wettqu dak li verament dejjem xtaqt... li niġi aċċettata minn kull wieħed minnhom JIENA KIF JIEN.

Ħabib/a, tippruvax tilbes maskra. Ipprova għix il-ħajja kif tixtieq inti. Tippruvax tgħixha biex tidher sabiħ/a ma' ħaddieħor, għax fl-aħħar mill-aħħar, inti trid tkun kuntent/a... u bilħaqq, tinsiex tgħid grazzi lill-akbar ħabib li għandek, li żgur aċċettak kif int hekk kif twelidt... Ġesù. Neħħi l-maskra u ibda għix ħajtek!

***"You can't blame the past for what you do today. That's like blaming gravity for the glass you broke. Just clean up the mess and get another glass from the cupboard".***

*(Reference: Take-charge-of-your-life therapy by R.W. Alley)*

**www.gifrafloriana.cjb.net**

minn P. Frans Abela OFMCap

# Altruwiżmu fit-talb

IT-TIENI PARTI

## Nitgħallmu minn Franġisku

Bil-kapaċità li jikkopja lill-oħrajn fit-tajjeb, seta' Franġisku ma jassimilax dal-messaġġ ta' impenn u jsir hu wkoll interċessur bejn ħutu u Alla? Dan seħħ fih wara li rebaħ it-tfixkil ta' għeluq fih innifsu b'talb li jagħtik gost personali bla ma tiftakar li għandek titlob ukoll għal ħutek. Kien iħossu qed jonqos minn dmiru jekk ma jagħtix eżempji ta' ħajja evanġelika, jew jekk ma jkunx qed jagħmel ġid lill-oħrajn b'kull mezz possibbli. "Għaliex jien qaddej ta' kulħadd, qed inwasslilkom kliem il-Mulej Ġesù permezz ta' din l-ittra flok niġi nkellimkom personalment minħabba l-mard u d-dgħufija ta' ġismi" (Ittra lill-Insara). Għaliex kien jirraġuna hekk, it-talb għall-oħrajn u d-dmir personali li jidħol għall-oħrajn, saru għalih impenn urġenti li jbaqbaq: "Ma kienx iħossu veru ħabib ta' Kristu jekk ma jinteressax ruħu b'imħabba fl-erwieħ mifdija minn Kristu". Minn hemm beda t-taqbida tiegħu fit-talb, il-ġiri 'l hawn u 'l hemm biex jippriedka, u l-ossessjoni li kellu li jagħti eżempji tajba, tant li "meta xi kultant kien jiġi kkritikat minn uħud mill-Aħwa għax kienu jarawh kemmxejn aħrax magħhom, kien iwieġeb li mġibtu kienet frott iż-żelu li kellu" (Leg Maior 9). Ta' min iżied jgħid li għalkemm hu qatt ma ttraskura t-talb tiegħu privat biex bih jitqaddes hu, ġieli nqeda b'dawk uliedu li fis-skiet ta' l-eremitaġġi bħal dawk tal-Porzjunkola għexu ħajja ta' talb kontinwu li bla ma avżahom qdewh ta' operaturi ta' konverżjonijiet ta' ħafna midinbin. Aqraw kliemu u araw hux veru: "Issib patrijiet li jqattgħu jiem u ljieli fl-istudju bi skapitu tat-talb. Meta dawn bil-priedki jqanqlu lil xi ħadd għall-indiema jaħsbu li kkonvertewh huma bil-ħila tagħhom. Jaħasra ma jafux li l-grazzja tat-tibdil tal-ħajja tiġi minn Alla bis-saħħa ta' l-ilfiq u t-talb ta' patrijiet qaddisa li fis-skiet u l-ġabra jitolbu u jibku dnubiethom u dawk ta' l-oħrajn. Dawn huma l-'Kavallieri tal-Mejda Rotonda' (Leg Per 71). Sa l-istess flus u oġġetti li n-nies kienet tagħti b'karità lil uliedu li kienu jmorru jittallbu mingħandhom bieb bieb għall-għejxien tagħhom, Franġisku rabat mat-talb ta' interċessjoni. Tant li kien jgħid: "Il-qaddej ta' Alla f'bidla ma' dak li jaqla' f'elemożina jirreċiproka l-offerta ta' l-imħabba ta' Alla li, f'paragun magħha, il-ħwejjeġ kollha tad-dinja ma huma xejn" (Leg Per 60). "Kull min kien jirrikkmanda ruħu fit-talb tiegħu, Franġisku kien ikun pront jibda jitlob għalih li ma jmurx allaħaresqatt jinsa x'wiegħdu" (Leg Per 36). It-talb tiegħu kien kollu effett, kien jiġi mismugħ. Dan żvelah wieħed li kitbilna ħajtu: "Bis-saħħa tat-talb ta' qaddej moħbi ta' Alla (Franġisku) il-ġuħ u l-għaks li kien waqa' fuq ċertu pajjiż ġew imbiegħda u mreġġa' lura" (Il Cel 52).

Kemm għamlet sew il-Knisja li f'kull quddiesa daħħlet wara l-qari ta' l-Evanġelju, it-Talba Universali jew it-Talba tal-Fidili. Barra milli għandna nirreċitawhom bla għaġla u nwieġbu għalihom għalenija: "ismagħna, nitolbuk, Mulej", bil-qalb kemm jista' jkun, ejjew niftakru ukoll li fit-talb tagħna privat għandna nitolbu ħafna għall-oħrajn akkost li nnaqqsu jew inġewżu minn dak li s-soltu nagħmlu esklussivament għalina. U dan hu l-altruwiżmu fit-talb. ❑



*San Franġisk f'estasi. Pittura ta' Bartolomeo Passerotti. Pinacoteca Nazionale, Bologna.*

## OĦTNA L-MEWT IŻŻURNA

Nhar il-Ħamis, 12 ta' Diċembru 2002, oħtna l-mewt reġgħet ġiet iżżurna. Ħuna P. Joe Garzia mar fi ħdan il-Missier fl-età ta' 72 sena. Il-funeral tiegħu sar is-Sibt, 14 ta' Diċembru, fil-knisja tagħna ta' Santa Barbara, il-Kalkara. Kienu ħafna l-Aħwa Kapuċċini li attendew għall-quddiesa tal-funeral kif ukoll saċerdoti oħra reliġjużi u djoċesani, familjari ħbieb u studenti li għaddew minn taħt idejh fiż-żmien li kien jgħallem fil-Kullegg ta' De La Salle fil-Kottonera. Mexxa l-quddiesa konċelebrata P. Crispin Tabone, Ministru Provinċjali li għamel ukoll l-omelija. Dawk preżenti kienu xhieda ta' kemm dan Ħuna kien maħbub. Wara l-quddiesa l-katavru tiegħu ġie midfun f'wieħed mill-oqbra tagħna fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid. Filwaqt li nitolbu għal dan Ħuna P. Joe biex il-Mulej idaħħlu fil-ħajja ta' dejjem, nagħtu l-għomor lil ħutu, John, Freddie, Emmanuel, Hilda u Marija u l-familji tagħhom, qraba u ħbieb, u nwegħduhom it-talb tagħna.



Nhar il-Ħamis, 9 ta' Jannar 2003, il-Mulej sejjaħ għal għandu lil Anġlu Bugeja, missier P. Pawl Bugeja OFMCap, Gwardjan tal-Fraternità Kapuċċina ta' Għawdex, fl-età ta' 71 sena. Il-funeral tiegħu sar l-għada, fil-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu, Ħamrun. Kienu diversi l-Aħwa Kapuċċini, kif ukoll reliġjużi oħra fosthom il-Karmelitani, li attendew għall-funeral. Il-quddiesa ġiet immexxija mill-Kappillan Dun Pawl Fenech, assistit mill-Ministru Provinċjali, P. Crispin Tabone OFMCap, u P. Pawl innifsu.



Filwaqt li nitolbu għal dan ħuna Anġlu biex il-Mulej idaħħlu jingħaqad ma' l-għażiża martu Natalitia fil-mistrieħ ta' dejjem, nagħtu l-għomor lil Ħuna P. Pawl u lil ħutu Anthony, Monica, Vincent u David bil-familji tagħhom, u nwegħduhom it-talb tagħna.

***Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.***



## Għoti ta' Ċertifikati

Fl-10 Anniversarju mit-Twaqqif ta' l-*Institute of Videography Malta* ġie organizzat *The Awards Night* fil-lukanda Hilton Malta. F'din l-okkażjoni ġew mogħtija ċertifikati mill-Onor. Dr. George Hysler, Segretarju Parlamentari. Ħuna P. Charles Cardona *(fuq quddiem fin-nofs)* ġie ppreżentat b'numru ta' ċertifikati, fosthom huwa rċieva ċertifikat ta' suċċess f'dak li tissejjaħ *Composition and Camera Technique Course*. Ħuna Charles huwa wkoll id-Direttur Spiritwali ta' dan l-*Institute*, xogħol li huwa jagħmlu bil-qalb u b'dedikazzjoni flimkien max-xogħol l-ieħor li huwa qed iwettaq fil-Provinċja. Nifirħulu u nroddulu ħajr għas-sehem tiegħu fil-kamp tal-*media*.



## Kapuċċin Kenja f'Malta

Matul il-jiem tal-Milied kellna fostna lil Ħuna Fr. David Kamau OFMCap li huwa wieħed mill-membri tal-Viċi-Provinċja tal-Kenja. Ħuna David bħalissa jinsab Ruma fejn qed jistudja t-Teoloġija Morali fl-Università Alfonsjana. Huwa ħa l-okkażjoni tal-vaganzi tal-Milied sabiex ġie jżur lill-Provinċja tagħna. Lil dan Ħuna nawgurawlu suċċess fl-istudju tiegħu.

# Studenti Kapuċċini f'attività fl-Università

Mill-10 sal-11 ta' Diċembru 2002, l-Għaqda Studenti tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta organizzat kampanja ta' ġbir u fondi b'risq it-tfal li ġejjin minn familji bi problemi soċjali. Is-somma li nġabret kienet dik ta' Lm1,855. Il-Post-Novizzi tagħna, bħala studenti tat-Teoloġija taw daqqa t'id sewwa f'din l-attività. Huma qalu li din kienet għalihom esperjenza pożittiva. Br Mario Vassallo qal: "l-organizzaturi ta' l-attività, li nofshom la huma Reliġjużi u lanqas Seminaristi, apprezzaw ħafna l-għajnuna li tajna tul il-kampanja - mumenti forsi, li bla ma konna nafu, konnu qed nuru li r-Reliġjuż huwa bil-fatti Reliġjuż l-ewwel u qabel kollox għas-servizz ta' l-oħrajn u li hu kapaċi jaħdem ma' ħaddieħor anke jekk dan ix-xi ħaddieħor mhux Reliġjuż bħalu, jaf jiċċajta, jaqdi fejn hemm bżonn u xi kultant anke jagħmel sagrifiċċju għal ħaddieħor."





*Br Hayden Williams u fuq, Br Mario Vassallo waqt l-attività fuq il-kampus ta' l-Università*



# Il-Kapuċċini ta' l-Ewropa tas-Sud f'Malta

F'dawn l-aħħar snin twaqqfet fl-Ordni tagħna l-Kapuċċini Kummissjoni li tinkludi fiha l-Kapuċċini li l preżenza tagħhom hija madwar il Mediterran, fosthom il-Portugal, Spanja, Franza, l-Italja, it-Turkija u Malta.

Din il-kummissjoni, magħmula minn rappreżentanti Kapuċċini ta' dawn il-pajjiżi ltaqgħet fil-kunvent tagħna tal-Floriana mid-29 ta' Novembru sa l-1 ta' Diċembru 2002. F'din il-laqgħa, il-Kummissjoni ppjanat Seminar li ser isir ġewwa Fatima f'April 2003 għal dawk responsabbli mill-postulanti, novizzi, u post novizzi Kapuċċini f'dawn il-pajjiżi. Għal dan is-Seminar hu mistenni li ser jattendu madwar 80 Kapuċċin, fosthom tlieta minn Malta.

It-tema tas-Seminar hija: *Fraternità Evanġelika fl-Ewropa tat-Tielet Millenju: Aħwa Minuri, Fqar u Kontemplattivi.*

Jalla din il-laqgħa tħalli ħafna frott, mhux biss fuq livell individwali, iżda l-aktar fuq livell ta' ftuħ u ta' parteċipazzjoni fuq skala aktar wiesgħa tax-xhieda tagħna bħal Franġiskani fl-Ewropa ta' għada.

# Postulant Ġdid

Il-Mulej għadu qed ibierek il-Provinċja tagħna b'vokazzjonijiet ġodda. Adrian Farrugia minn Ħal-Luqa għadu kemm beda ż-żmien tal-Postulandat. Huwa ngħaqad ma' Carmel Aquilina li huwa wkoll Postulant fil-kunvent tal-Kalkara taħt id-direzzjoni ta' Ħuna P. Franco Fenech u Br. Dennis Calleja li b'tant dedikazzjoni qed jieħdu ħsieb il-vokazzjonijiet u l-Postulanti tagħna. Inkomplu nitolbu lil Sid il-ħsad sabiex ikompli jibgħat aktar vokazzjonijiet għall-ħsad tiegħu.





# Anniversarji ta' l-Aħwa Kapuċċini

Nhar il-Ħamis 27 ta' Diċembru 2002 l-Aħwa Kapuċċini ltaqgħu fil-kunvent tal-Furjana biex flimkien jaqsmu l-ferħ tal-Milied. Il-laqgħa bdiet b'ħin ta' talb fil-knisja u wara taw l-awguri lil xulxin, b'mod speċjali lil dawk li kellhom xi anniversarju matul is-sena 2002.

Dawn kienu:

• 50 sena mill-Ordinazzjoni Presbiterjali: **P. Paul Baron**, **P. Raniero Zammit**, **P. Kornelju Bonello** u **P. Franġisku Azzopardi**;

• 50 sena mill-Professjoni Perpetwa: **P. Charles Bugelli**, **P. Anselmu Bartolo** u **P. Joe Garzia** (R.I.P.);

• 50 sena mid-dħul fin-novizzjat: **P. Frans Abela Giusti** u **Br. Anthony Vella**;

• 25 sena mill-Ordinazzjoni Presbiterjali: **P. Joe Grixti**;

• 25 mill-Professjoni Perpetwa: **P. Effie Mallia** u **P. Joe Saliba**;

• 25 sena mid-dħul fin-novizzjat: **P. Joe Muscat** u **P. Emanuel Abela**.



*Il-Provinċjal P. Crispin Tabone jifraħ lil P. Franġisku Azzopardi.*

*Fuq: Uħud mill-Aħwa li kienu preżenti. Mix-xellug: Antnin Vella, Anselmu Bartolo, Charles Bugelli, Franġisku Azzopardi, Raniero Zammit, Effie Mallia, Joe Muscat u Joe Saliba.*

Matul din is-sena 2003 ser ifakkru xi anniversarju dawn Ħutna:

• 50 sena mill-Professjoni Perpetwa: (26.08.53) **P. Philip Attard**; (04.10.53) **P. Mikiel Agius**, **P. Pietru Pawl Schembri** u **P. Pelaġju Bilocca**;

• 50 sena mill-Professjoni Temporanja: (01.02.53) **P. Frans Abela Giusti** u **Br Anthony Vella**;

• 50 sena mid-dħul fin-novizzjat: (20.09.53) **Mons. Francis Baldacchino**;

• 25 sena mill-Ordinazzjoni Presbiterjali: (12.02.78) **P. Effie Mallia** u (09.07.78) **P. Joe Saliba**;

• 25 mill-Professjoni Temporanja: (24.09.78) **P. Joe Muscat** u **P. Emanuel Abela**;

Lil dawn Ħutna kollha, filwaqt li nirringrazzjaw lil Alla għalihom, ngħidulhom grazzi għall-preżenza tagħhom fil-Provinċja u għall-ħidmiet li wettqu u għadhom qed iwettqu. F'mumenti bħal dawn napprezzaw ferm it-tweġiba tagħhom għall-vokazzjoni li Alla poġġa f'qalbhom u mhux inqas għall-perseveranza li huma wrew fil-fedeltà għall-"iva" li taw b'ħajjithom. Nifirħulhom u nitolbu għalihom.

**TIFKIRA TAD-DEHRIET TAL-MADONNA F'LOURDES FIL-KAPPELLA DDEDIKATA LILHA TAL-KAPUĊĊINI FIL-FLORIANA**

**Ċelebrazzjonijiet:**

• Quddiesa fit-8.30 a.m. kuljum, barra fil-Ħdud u l-Festi.

• Fil-jiem tad-dehriet, ukoll meta jaħbtu l-Ħadd, quddiesa fil-11:00 a.m.

Fis-6:00 p.m. rużarju, kurunella, ċelebrazzjoni ewkaristika u quddiesa bl-omelija.

• Matul ix-xhur ta' Mejju u Ottubru: fis-6.00 p.m. rużarju u wara quddiesa.

Id-dati tat-18-il dehra tal-Madonna f'Lourdes huma:

**Frar:** 11, 14, 18, 19, 20, 21, 23, 24, 25, 26, 27, 28

**Marzu:** 1, 2, 4, 25 **April:** 7 **Lulju:** 16



*minn Mary Haber OFS*

# Irwiefen

Dun Marjanu kien dejjem puntwali mal-konfessur tiegħu Dun Alwiġ - rettur tas-seminarju. Sa minn meta kien għadu seminarista, kien għażlu bħala konfessur tiegħu; u baqa' jqerr għandu. Barra l-qrara, Dun Marjanu kien jieħu mingħand Dun Alwiġ twissijiet u jħoll xi intoppi li kull kappillan żagħżugħ bilfors ikollu!

Malli qaddes, Dun Marjanu kienu tawh jieħu ħsieb żona ċkejkna jew viċi-parroċċa li maż–żmien kienet saret parroċċa: il-parroċċa tar-raħal tiegħu. Kienet żgħira, imma biżżejjed għall-ftit bdiewa li kienu jgħixu fir-raħal tiegħu. Kienet mibnija fuq ħotba ta' xiber għalqa moxa. Leġġenda kienet tgħid li darba familja li kienet ħarġet għal jum fil-beraħ kienu firxu biċċa għata fuq il-ħaxix ta' dik l-għalqa battala biex jieklu bukkun li kienu ġabu magħhom għal nofs in-nhar. It-tarbija, tifel ta' dik il-familja, waqt li kellu biċċa pappa f'idu, ħareġ serp għal għarrieda minn qalb il-ħaxix ħażin u ħebb għall-ħobż tat-tifel. Minnufih, tfajla bidwija li ħadd ma jaf mnejn inqgħalet, ħafifa, ħafifa, b'riġilha ħafi għafġet ras is-serp u qatlitu. It-tarbija għolla l-pappa tiegħu lejn ir-raħlija u lissen l-ewwel kelma: "mamma!"

Il-ġenituri, imsammrin bil-biża', baqgħu jħarsu ċassi lejn dik ix-xena sakemm ġew fihom infushom u l-omm ħatfet lil binha mill-art. Iżda meta riedu jagħtu ħajr lix-xbejba, ma raw lil ħadd! Ħasbu li kienu ħolmu... iżda s-serp mejjet fl-art b'rasu mgħaffġa, kien l-aqwa xhieda ta' dak li tassew kien ġara. Għalhekk, minnufih, il-missier ħaseb biex jixtri dik l-għalqa u jibni kappella f'ġieħ il-Madonna tal-Ħelsien. Huwa ġabar is-serp mejjet biex jibbalzmah u jqiegħdu ġo kaxxa tal-ħġieġ fil-knisja li ried jibni. Iżda, iżżid tgħid il-leġġenda, li sorpriża oħra kienet qiegħda tistenna lil dik il-familja għax meta l-missier ħareġ is-serp mejjet mill-ixkora li kien qiegħdu fiha jsibu niexef u mqadded bħallikieku fossilizzat minn eluf ta' snin bla għadd.

Il-knisja nbniet u kellha biss korsija bi kwadru wieħed - "Il-Madonna tal-Ħelsien" - il-Madonna, xbejba żagħżugħa, qiegħda tirfes ras ta' serp kbir u oħxon, ħdejh tarbija b'loqma ħobż f'idu li s-serp kien tħajjar jisraqlu; waqt li l-ġenituri qegħdin iħarsu mbażżgħa, qishom ipparalizzati bil-biża', lejn binhom. Is-serp innifsu (tal-leġġenda) niexef u mqadded hekk li bilkemm jingħaraf, kien magħluq ġo kaxxa tal-ħġieġ taħt il-kwadru fuq l-altar.

Iżda ż-żmien, bil-progress kollu li ġab miegħu, għamel bidla sħiħa minn dawk in-naħat. Dawk l-għelieqi jfuħu b'għelejjel u b'arja safja, imtarrfin daqshekk mill-irħula tal-qrib u ħafna 'l bogħod mill-belt, imtlew vilel u djar sbieħ, *miasonettes* u postijiet ta' divertiment; u ħadd aktar ma baqa' jiftakru dak ir-raħal b'dawk l-għelieqi u d-dehra pittoreska ta' dak iż-żmien li minnu kienet titkellem il-leġġenda. Ukoll, dik il-knisja ċkejkna ma baqgħetx b'korsija biss, iżda l-isqof kien xtara l-għelieqi li jmissu magħha u bena navi kbar u wesgħin biex taqdi l-ħtiġiet ta' dak ir-raħal li issa kien inbidel f'belt sabiħa u moderna; u dan fi żmien ħamsa u għoxrin sena minn kemm kien ilu jqaddes Dun Marjanu, il-kappillan ta' dik il-belt ġdida.

Issa Dun Marjanu kien sejjer mill-ġdid għand il-konfessur tiegħu Dun Alwiġ biex bħas-soltu jiftaħ qalbu miegħu u jistiednu fil-parroċċa tiegħu biex ikun hu li



jqaddislu l-Quddiesa tal-Ġublew Saċerdotali tiegħu. Iżda r-riefnu tal-progress li kien biddel dak ir-raħal minsi f'belt lussuża... kbira... u kważi pagana, kien nefaħ ukoll fir-ruħ ta' Dun Marjanu tempesta kbira. Il-parruċċani tiegħu ma baqgħux biss dawk ir-raħħala twajba li kienu jfewħu ħwejjiġhom bl-ispika jew pjanti oħra fewwieħa kull darba li kienu jistednuh biex jiekol magħhom l-ikla fqira tagħhom; u kienu jġibu ruħhom miegħu b'suġġizzjoni u qima daqs li kieku qegħdin jaraw lil Kristu nnifsu.

Imma issa Dun Marjanu kien ikun mistieden ukoll mis-sidien ta' dawk il-vilel... djar... u sidien ta' stabbilimenti li ftit kien jimpurtahom mill-imġiba xierqa lis-saċerdot, l-iktar fl-ilbies jew aħjar fl-għera tal-ħwejjeġ tan-nisa tagħhom. Terġa', dawn in-nies kienu jitkellmu quddiemu bl-addoċċ, bla ma jqisu l-kelma kif jgħiduha; jew bla ma jqisu li dak l-imsejken saċerdot ta' quddiemhom huwa wkoll raġel bħall-oħrajn: bil-ħsus u d-dgħjufija umana bħal kull bniedem, bil-ġibdiet u x-xewqa, li mqar jekk trażżanhom u tliġ-ġimhom, jibqgħu moħbija hemm.



Dun Marjanu, tifel tar-raħal, bla ħjiena u ħabrieki, ħass il-ġgant rieqed tal-passjoni jqum għalih; jiġġilidlu biex iwaqqgħu. Is-serp tal-qedem ħebb għalih biex itelliflu t-triq tas-saċerdozju u s-safa, kif darba s-serp tal-leġġenda kien ħebb għat-tarbija biex jisraqlu l-loqma minn idejh. Dun Marjanu talab lix-xbejba li għaffġet ras is-serp, lill-ġilju tal-widien li dari kien jikber bla lġiem fir-raħal tiegħu; u bħaċ-ċkejken tal-leġġenda, sejħilha. "Mamma!" Huwa żamm għassa sħiħa fuqu nnifsu... u dan swielu martirju tal-biża'... martirju moħbi, li Alla biss jaf kemm jiżen. U issa kien sejjer għand Dun Alwiġ biex jgħidlu b'dan ir-riefnu li hekk għal għarrieda qam għalih biex jaqilbu, ifarrku u jtajru bħall-karfa. Kien sejjer mistħi u qalbu ttaqtaq kif se jfissirlu xi jħoss... x'kien bi ħsiebu jagħmel... min jaf kemm se jistagħġeb bih... kemm se jċanfru... x'se jgħidlu!

Dun Alwiġ, meta ra l-kappillan quddiemu, li kien mibni u ħamrani, bilkemm għarfu... daqskemm kien inxtorob u sfar. Huwa qagħad jisimgħu bis-sabar kollu bla ma waqqfu. Ġietu ħniena meta ra d-dmugħ f'għajnejh... "Nitlaq minn dan ir-raħal, nidħol raħeb... jew nara x'nagħmel... kif tgħidli int Rettur, imma ma nibqax hawn.. qabel ikun tard wisq. Ma niflaħx aktar, inħossni se naqa' minn ħin għal ieħor".

Fl-aħħar Dun Marjanu waqaf. L-għaref konfessur tbissem: "Dan kollu?" qallu. "Naturali, naturali ħafna; is-suttana xejn ma naqqsitlek mill-umanità tiegħek. Liema raġel fl-aqwa tiegħu bħalek ma jħossx demmu jiżfen quddiem mara sabiħa... tfuħ? Mhux għalhekk ħalaqha Alla lill-mara, biex togħġob lir-raġel? Jew liema raġel li tgħallem bħalek u stinka, ma jixxennaqx, imqar bla ma jrid, meta jara raġel ieħor bħalu qiegħed jgħix qisu f'dar id-deheb: kollha tlellix u xejxi u ma jonqoshom xejn... u jaf li hu seta' kien bħalu li kieku qabad l-istess triq?"

Imbagħad issokta l-konfessur rettur: "Madankollu, għażiż Marjanu, int għażilt it-triq ta' Kristu biex, bħal Kristu fqir fost il-fqar, tgħaddi u tagħmel il-ġid! U kif tridu allura l-infern b'setgħatu kollha jħallik bi kwietek? U miegħu ngħaqdu l-ġisem u d-dinja.

H'mm! Tliet ġganti biex jaqilbu bniedem dgħajjef tad-demm u l-laħam...! Imma le, m'intix dgħajjef. Fik hemm Dak li rebaħ lid-dinja, li rażżan lix-xitan u li fl-umanità tiegħu hemm moħbija d-divinità. Allura, it-taqbida hija rebħa żgura! Tibżagħlux lix-xitan ta' kull għamla, Marjanu tiegħi; taħrablux għax għandu rokna dgħajfa; iġġilidlu fiha; tagħtix kasu. Jinkedd ħafna meta jara min ma jagħtix kasu! Ibqa' ilbes is-suttana bil-ġieħ; ibża' għaliha! In-nies tqimha lis-suttana u hija nfisha tħarsek!"

Il-Ġublew Saċerdotali tal-kappillan sar, u n-nies urietu kemm kienet tgħożżu u tqimu lil dak is-saċerdot: iben ir-raħal!

L-aqwa nies marru jifirħulu u bisulu dawk l-idejn safja u kkonsagrati tiegħu b'qima kbira. Fix-xebba raħlija tat-titular tal-parroċċa tiegħu sab is-sigriet li jisfida u jirbaħ lil kull xorta ta' tiġrib.

Ix-xebba tal-leġġenda, għal darb'oħra, lis-serp għafġitlu rasu u sikktek dawk l-irwiefen! ❑

## NAUFRAGIUM

*minn P. Wistin Attard OFMCap*

Qam! ... Qed jonfoħ. Xi jvenven! Xi jsaffar!
X'saħħa rabba. Kif saħan. X'jiqliel!
X'fawra telgħet għal wiċċu. Xi jfarrak!
Ebda ħaġa ma ħalla bil-ġmiel.

Telaq issa jissara mal-baħar;
Bdiet taqtigħa ta' biża', tkexkix.
Qam fuq tiegħu dak l-ilma, u ħalef
Li mis-sema ħlief frak ma jħallix.

Tiela' u nieżel, mar-riħ qtar il-għaraq.
Xuxtu qanfed muntanji u widien.
Dak li ħalef waħħalha li jwettqu
Ried jibqa' ismu jissemma f'kull żmien.

Ma sabx fuqu ma' min juri ħiltu.
Fl-aħħar lemaħ biċċa għuda fil-bogħod.
Fuqha ndafar imġewwaħ għall-qirda;
Ried itemmha, ixejjinha b'xi mod.

Beda jsabbat u jkisser mad-dgħajsa;
Iniżżilha w jgħolliha bis-swat.
Ibandalha, ixejjirha, sa fl-aħħar
Irnexxielu jfarrakha mal-blat.

Qabżu, imbagħad, ir-rikkieba fil-ħalel,
Ħafna tħaddnu ma' laqxa mill-fdal.
Nizel magħhom il-ħati - mhux Ġona -
Għajnejh jilmgħu, mimlija bid-dawl.

Kien ftit mewġ x'għad baqgħalhom jissieltu.
Irnexxielhom ukoll li jegħlbuh
Sabu l-art, rifsu fuqha u ssaħħnu.
Ħadd ma ntilef, 'mma l-mirkeb tilfuh.

Żiġġu l-ilsna fil-ħatab iħammar;
Tkagħwġet bejnhom il-lifgħa bla semm.
"Dan qattiel! ... Le" - mistagħġba - "dan alla!"
"Ieqaf magħna w eħlisna mill-hemm."

It-taqtigħa tar-rwiefen mal-baħar
Ma saritx kif ġie ġie b'ebda ħsieb.
Dak li mexxa t-taqbida ried biha
Ma' gżiritna jitgħannaq bi ħsieb.



## TISLIBA 31

*minn P.Wistin ATTARD ofm cap*



1. Hekk għamlu fil-grazzja. (2 Pt 3, 18) (5)
2. Sewda (samra), imma hekk. (Għan 1, 5) (6)
3. In-nies ta' din il-belt. (Tit 1, 12) (5)
4. Minn hawn niżżlu l-ankri. (Atti 27,29) (5)
5. It-tnax-il xahar bis-Sirjak. (2 Mak 15, 36) (4)
6. Is-Sidonin u dawn. (1 Kron 22, 4) (5)
7. Il-poplu ma baqax ftit. (Eż 1, 9) (5)
8. Dan ta' Melkisedek. (Lhud 6, 20) (5)
9. Offerti minn ... il-poplu. (Ġdt 4, 14) (3)
10. Ittra *bħallikieku* mingħandna (2 Tess 2,2) (7)
11. u 12. Bħal wied *daħku* bija. (Ġob 6, 15) (6)
13. Jgħammar mal-pellikan. (Sof 2, 14) (6)
14. Ħaman bin Ħammedata, l-.... (Est A, 17) (5)
15. *Ejja* 'l hawn, ħabib. (Rt 4, 1) (5)
16. Jiddallam max-xemx. (Ġoel 2, 10) (5)
17. Hekk u thenna. (Lam 4, 21) (5)
18. Tbissem ma' Sodoma. (Ġuda 7) (7)
19. Dawn kienu mil-lvant. (Mt 2, 1) (4)
20. Jien ... l-opri tiegħek. (Apk 2, 2) (3)
21. Għalquh ġo fiha marbut (Eżek 19, 9) (5)
22. Fejn kien Abimelek. (Mħ 9, 31) (5)

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' JANNAR:**

*1. Ilħna; 2. Xbejba; 3. Laqxa; 4. Ħaġra; 5. Atti; 6. Akbar; 7. Libsa; 8. Artek; 9. Nej; 10. Xortija; 11. u 12. Maħfra; 13. Regola, 14. Aħsbu, 15. Ħniena, 16. Ħlift; 17. Idoli; 18. Ħananel; 19. Nisa; 20. Gad; 21. Basan; 22. Folol.*

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14*

**Ir-Rebbieħ ta' dan ix-xahar huwa: Mr. Antoine Pace - Mqabba**

**Il-Bibbja li ntużat għal din it-Tisliba hija dik ta' l-Għaqda Biblika (Edizzjoni 1984 jew 1996).**

minn Br Claudio Falzon OFMCap

# Żgur li ma kinitx taħbatli mal-kaxxa ta' moħħi li nidħol Kapuċċin, però l-Mulej ...

X'ĦIN INĦARES lura matul il-wieħed u għoxrin sena li għandi, nara kif il-Mulej mexxieni u ħa ħsiebi mument b'mument sa dak il-punt fejn ridt nagħżel bejn is-sejħa li għamilli Hu u sejħat oħra li l-ħajja kontinwament tagħmlilna. Però, nistqarr magħkom, dejjem ħassejt il-libertà li nagħżel. Bħala iben maħbub minn Alla, persważ li, kieku ma aċċettajtx is-sejħa li għamilli hu, xorta waħda kien jibqa' jħobbni u jgħinni f'kull stat ta' ħajja.

Jiena l-kbir fost tliet aħwa. It-tnejn l-oħra huma bniet. It-trobbija tiegħi kienet trobbija sabiħa u tajba, u dan kollu mertu tal-ġenituri u tan-nanniet li dejjem inkuraġġewni f'kull deċiżjoni li ridt nieħu. Fi tfuliti attendejt id-duttrina għand is-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù f'Albert Town, il-Marsa, fejn konna noqogħdu. Iżda, wara li għamilt il-Griżma, ma bqajtx nattendi la għad-duttrina, la fiċ-Ċentru u fl-ebda grupp ieħor.

Ta' *teenager* li kont kelli sħabi li konna noħorġu flimkien u ma tantx konna nagħtu kas l-aspett spiritwali. Quddiesa l-Ħadd għax ta' bilfors, jew biex nevita l-ħafna tgergir t'ommi. Hekk kont naħsibha dak iż-żmien! Żgur li ma kinitx taħbatli mal-kaxxa ta' moħħi li nidħol mal-Kapuċċini, però l-Mulej ...

Darba ġie l-patri li kien jieħu ħsieb il-kappella ta' fejn konna noqogħdu u talabni biex nibda nieħu ħsiebha. Niftakar li malli kien qalli kont inħsadt xi ftit u għall-ewwel ma aċċettajtx. Nistqarr magħkom li bżajt minn dak li tgħid it-tfajla li kont inkellem, mir-reazzjoni ta' sħabi u ħafna beżgħat oħra. Imma fl-aħħar aċċettajt u l-affarijiet marru tajjeb ħafna hekk li llum nista' ngħid li, wara dan kollu, kien hemm l-id ta' Alla tkebbes dik il-fjamma li qabdet bil-mod il-mod (il-vokazzjoni) għalkemm ma kontx intbaħt. Kont ribelli wisq!

Għalkemm kont aċċettajt li niftaħ il-kappellla, ma kontx noqgħod għall-quddies. Ma domtx ħafna hekk għax wara ftit bdejt nagħmel din il-mistoqsija lili nnifsi: "Għaliex mhux qod noqgħod għall-quddies meta għandi ċans?" Wara ftit, mhux biss bdejt nisma' l-quddiesa, iżda bdejt ninvolvi lili nnifsi aktar. F'kelma waħda bdejt inħobb 'l Alla bis-serjetà.

Iktar ma beda jgħaddi ż-żmien iktar bdejt inħoss li rrid nagħmel xi ħaġa aktar minn hekk imma ma kontx naf x'kienet. Għalhekk bdejt nagħmel diversi attivitajiet reliġjużi kemm fil-kappella kif ukoll ma' sħabi li konnna niltaqgħu f'kamra mdaqqsa maġenb il-kappella. Ħaġa li bdejt niskopri fija kien ċertu vojt f'qalbi minkejja li kont inkun ma' sħabi jew mat-tfajla. U mill-banda l-oħra kont inħoss paċi u serenità waqt xi attività reliġjuża. Għalkemm qatt ma tkellimtha dil-ħaġa, dawk ta' madwari bdew jinnutawha u mhux l-ewwel darba li ommi kienet tgħidli: "Meta tkun il-knisja tkun fis-seba' sema".









Jiena u naħseb fuq il-ġejjieni tiegħi sibt għajnuna kbira mill-eżempju tal-patri li kien iqaddes ta' kuljum fil-kappella. Bdejt nagħraf aktar ir-rieda ta' Alla għalija. Bdejt inħoss il-ħajra li nsir Kapuċċin, iżda ma ridtx naċċetta din il-ħaġa u ppruvajt nagħmel minn kollox biex inbiddel dan il-ħsieb u kont ngħid lili nnifsi: "Biex tagħmel il-ġid m'hemmx bżonn tkun Kapuċċin". Ngħidilkom id-dritt xtaqt li jkolli familja, il-mara u t-tfal, karozza, dar... Din kienet biss ix-xewqa tiegħi.

Darba nktibt biex nibda mmur għal-laqgħat tal-vokazzjonijiet Kapuċċini imma meta kienu jibagħtu għalija ma kontx immur. Wara sena ma bqajtx nirċievi aktar stediniet. Domt sentejn sejjer hekk sa ma darba - għadu ċar quddiem għajnejja - dħalt il-kappella u nsib it-tabernaklu skassat. Ħadtha bi kbira ħafna anke miegħi innifsi. Kien f'dan il-waqt li għaraft lil dan Ġesù li għal sentejn sħaħ kont dieħel u ħiereġ quddiemu u, għalkemm kien qiegħed isejjaħli, jien ma għaraftx nagħtih il-*pole position* fil ħajja tiegħi. Għamilt lejl ma nistax norqod. L-għada, fl-adorazzjoni ta' riparazzjoni, tant ħassejtha ċara l-istedina li għamilli Ġesù li ma flaħtx nibqa' l-kappella, u ħriġt nibki barra. Ħassejt f'qalbi bħal leħen jgħidli: "X'ser tagħmel? Ser tkun tiegħi jew le?" Dak il-ħin lill-Mulej għedtlu: "Iva, agħmel bija dak li trid int. Ħa jkun minni skond kelmtek."

Minn dak inhar sallum nista' ngħid li l-paċi li għandi fil-ħajja tiegħi la sibtha fid-divertiment, la fit-tfajliet u f'imkien iżjed ħlief fil-Mulej, speċjalment x'ħin immur quddiem it-tabernaklu u ngħidlu: "Hawn jien, Mulej, qiegħed ħdejk." Illum il-ġurnata nħoss ferħ kbir fil-ħajja tiegħi anke meta jinqalgħu l-irwiefen tal-ħajja għax Huwa jinsab miegħi. Fil-preżenza tiegħu xejn ma nara impossibbli. ❑

# Riżultat tal-Lotterija tal-Milied

*organizzata mis-Segretarjat Missjoni Kapuċċini*

**Nhar il-Ħadd, 5 ta'Jannar, 2003, ġiet imtella' l-Lotterija b'risq il-Missjoni tal-Kenja.**

**L-1 Premju:**
**Żewġ Biljetti ta' l-Ajru ma' l-Air Malta għal Ruma u lura (Mr. John Saliba) & 3 nights B&B mingħnad TRINATOURS Ltd (Mr. Godwin Mercieca)**
Biljett rebbieħ numru 018653
Mr. Lawrence Pace - Pietà

**It-2 Premju: Hamper Kbir**
Biljett rebbieħ numru 025671
Mrs. Grace Fenech - Sliema

**It-3 Premju: Hamper Kbir**
Biljett rebbieħ numru 015145
Mrs. Amy Agius - Ħal Safi

**Ir-4 Premju: Hamper Kbir**
Biljett rebbieħ numru 030482
Ms Josephine Azzopardi - Ħaż-Żebbuġ



*Waqt it-tlugħ ta' l-ewwel premju.*



*P. Hilary Abela, missjunarju, ikellem lill-benefatturi.*

Nifirħu ħafna lir-rebbieħa ħbieb tal-missjoni, u rroddu ħajr minn qalbna lill-benefatturi kollha li għenuna f'din il-Lotterija:

• Lill-AIR MALTA li, permezz tas-Sur John Saliba, ġentilment tatna l-biljett ta' l-ajru b'xejn,

• Lit-TRINATOURS Ltd li, permezz tas-Sur Godwin Mercieca, ġentilment offriet il-*lodging* f'lukanda f'Ruma għal tliet iljieli *(bed & breakfast)*,

Lis-Sinjuri Antida u Joe Gauci li ħadu ħsieb jiġbru l-*hampers*, u lil min tahom l-oġġetti għalihom, fosthom: The Albion Stores, Mr Anthony Mercieca, Mr Charles Grech, Mr C. Camilleri & Sons u Mr. Nicholas Camilleri,

• Lill-*helpers* kollha tas-Segretarjat tal-Missjoni li taw is-sehem tagħhom,

• Lil kulmin biegħ u/jew xtara l-biljetti.

